Diċembru 2018 • Vol 25 • Nru.4

# IL-PULIZIJA



*Fil-Paġni ta' ġewwa:*

*L-Editur jiltaqa' ma' Simon*

Newspaper Post

Diċembru 2018 • Vol 25 • Nru. 4

IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp

# WERREJ

5. Editorjal

6. Messaġġ mill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali, Dr Michael Farrugia

8. Messaġġ mill-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur Lawrence Cutajar

11. Messaġġ mill-Kap Eżekuttiv tal-Korp, is-Sur Angelo Gafà

14. Dan l-aħħar...

20. Iċ-Ċerimonja fuq l-oqbra u s-sehem tal-Gwardja tal-Unur matul iż-żmien

26. Malta Police Association

28. POU - GWU

31. L-editur jiltaqa' ma' Simon

37. Paġna għat-Tfal

38. Il-*Malta Police General Fund* u r-Rendikont Finanzjarju għas-sena 2017

40. Il-piż tal-iżvilupp meqjus

43. Spazji Siguri: Minħabba li s-sigurtà hu dmir kulħadd

47. Il-Kumitat Sportiv tal-Pulizija

52. Ix-xogħol tal-Pulizija waqt żmien il-festi

55. International Police Association - Malta

59. Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

60. Malta Association of Retired Police Officers

62. Obitwarju




Ritratt CMRU

13



31



43



47



IL-PULIZIJA

Membri tal-Bord Editorjali:

President: Deputat Kummissarju Mario Spiteri
Editur: WPS 96 Rodienne Bartolo Haidon
Membri: Supretendent Kenneth Haber
WPS 280 Louise Camilleri
WPC 25 Charlene Cilia
WPC 176 Sloune Gatt Fabri

Qari tal-Provi: WPS 3 Joanna Vella

Il-Pulizija tirringrazzja lid-ditti u l-aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom.
L-artikli li jidhru f'dan il-magażin ma jirriflettux bilfors l-opinjoni tal-Bord. Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għandha tintbagħat fl-indirizz hawn taħt:

Disinn u riklamar

Ability Publications Ltd.
Tel: 21 241317

e-mail: refer@maltanet.net

Stampar
GUTENBERG PRESS

# Editorjal

Ftit jiem oħra u s-sena 2018 tkun għaddiet. Kienet sena tajba jew sena ħażina għall-Korp tal-Pulizija? Se tibqa' magħrufa bħala s-sena tal-ftehim settorjali jew is-sena li tfakkarna fl-għodwa kerha tal-15 ta' Mejju?

Sabiex ngħaqqdu dawn iż-żewġ ġrajjiet ewlenin flimkien, qed niddedikaw din l-edizzjoni għal Simon Schembri. Mingħajr ma nnaqqas mill-mertu tal-Amministrazzjoni tal-Korp u tal-unjins, li bla dubju kellhom sehem kbir f'dak li qed ingawdu minnu permezz ta' dan il-ftehim settorjali, żgur li ħadd ma jista' jiċħad li Simon kien strumentali biex ix-xogħol tal-Pulizija tul din is-sena jiġi apprezzat, fejn anke waqt dak kollu li għadda u għadu għaddej minnhu, wera l-importanza li l-membri tal-Pulizija għandhom ikunu attrezzati tajjeb, li x-xogħol tagħna għandu jkun apprezzat u għamel enfasi li l-Pulizija mhux biss għandu jkollu pagi jew kundizzjonijiet aħjar, imma wkoll għandu jkollna *insurance*.

Nieħu l-opportunità ukoll, sabiex nifraħ lis-77 Pulizija ġdid li ingħaqdu mal-familja tagħna u għall-ewwel darba qed jirċievu dan il-magażin.

F'isem il-bord editorjali nixtieq nawgura lil kulħadd il-Milied it-Tajjeb u Sena mimlija saħħa u b'dak kollhu li tixtieq qalbkom.

Grazzi

L-Editur

rodienne.bartolo@gov.

BIGGERMEN

# Messaġġ mill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali Dr. Michael Farrugia

Matul l-aħħar sena, bil-ħidma kontinwa taħt it-tmexxija tal-Korp tal-Pulizija u tagħkom stajna naraw diversi suċċessi li ma seħħewx b'kumbinazzjoni. Għal sena oħra pajjiżna assista għal żieda fil-popolazzjoni, rekord ieħor fis-settur turistiku u li allura tfisser li f'kull ġurnata kien hemm aktar persuni jimirħu l-erba' rkejjen ta' pajjiżna. Barra minn hekk l-affluwenza kompliet tiżdied. Dawn il-parametri setgħu waslu għal żieda fil-kriminalità. Għal kuntrarju, sal-aħħar ta' Settembru ta' din is-sena, ikkumparat mas-sena li għaddiet, l-istatistika turi tnaqqis ta' aktar minn erbatax fil-mija fil-kriminalità.

Matul l-aħħar sena rajna suċċess wieħed wara l-ieħor fil-ġlieda kontra l-kriminalità u l-kriminalità organizzata. Suċċess li juri b'mod ċar il-kritika inġusta lejn il-Korp tal-Pulizija. Il-ħidma trid tkompli, ma nistgħux nillaxkaw. Għad baqa' ħafna xi jsir u x'jista' jsir. Huwa għalhekk li flimkien mal-awtoritajiet u l-ogħla uffiċjali tal-Korp qed nitkellmu kif nistgħu nkomplu nimxu 'l quddiem.

Ingħatajtu d-dritt li tkunu membri u rappreżentanti minn unjin. F'isimkom għadu kif ġie ffirmat ftehim kollettiv, bla preċedent. Ħafna minnkom ingħatajtu l-opportunità ta' skala ogħla. *Overtime* antik li kienu jgħidulkom li tistgħu tinsewh, qed tiġu kkumpensati għalih. Matul is-sena li ġejja se tkunu inxurjati f'każ li waqt ix-xogħol issofru diżabilità jew tiġu nieqsa. F'każ li membru tal-Korp isofri diżabilità u jkollu jitlaq mix-xogħol jieħu pensjoni sħiħa daqs li kieku jkun għamel ħamsa u għoxrin sena servizz. Għaddejjin aktar taħdidiet biex ċerti anomaliji jispiċċaw. Għaddejja evalwazzjoni dwar is-sitwazzjoni f'kull għassa tad-distrett ħalli jitjiebu l-faċilitajiet fihom. Se naraw il-bini ta' għassa ġdida f'Marsaskala. Fix-xhur li ġejjin se titqassam uniformi ġdida li hi aktar komda biex taħdmu biha. Bdew jintużaw *body cameras* fi proġett pilota li se twassal biex eventwalment jiddaħħlu gradwalment għall-maġġoranza tal-membri tal-Korp u tagħmir, inkluż vetturi ġodda biex jintużaw waqt il-ħidma tagħkom.



*Fixed points* u ħidma f'diversi *hotspots* fejn il-membri jiddaħħlu *overtime* biex ma titnaqqarx il-ħidma tagħkom viċin in-nies.

Nistenna mingħandkom li tkomplu taħdmu għall-ġid tas-soċjetà, l-imġiba tagħkom tkun eżemplari u impekkabbli, li tirrispondu kull sejħa fl-inqas ħin possibbli, li tkunu aktar viżibbli fit-toroq, li verament tkunu u tidhru viċin in-nies. Billi tqattgħu x-xift tagħkom bilqiegħda fl-għassa ma twassalx biex tkompli tonqos il-kriminalità jew jinqabad il-kriminal. Dak li jien u s-soċjetà qed nistennew mingħandkom.

Hu ttamat li fix-xhur li ġejjin indaħħlu kunċett ġdid ta' *community policing* fejn intom u s-soċjetà taħdmu id f'id, aktar viċin xulxin fil-ġlieda kontra l-kriminalità. Dan flimkien mal-proġett ta' *safe cities* ikunu parti oħra 'l quddiem fil-ħidma ħalli s-soċjetà li intom u l-familja tagħkom huma parti minnha, tkunu protetti.

Filwaqt li għal darb'oħra nirringrazzjakom tal-ħidma tagħkom, nixtieq nieħu l-opportunità biex nawgura lil dawk iż-żgħażagħ li matul l-aħħar sena saru membri ġodda fi ħdan il-Korp tal-Pulizija.

Il-ħidma tkompli.
Nawgura lill-Maltin u l-Għawdxin kollha l-festi t-tajba b'mod speċjali lilkom u l-familja tagħkom.

# Messaġġ mill-Kummissarju tal-Pulizija Lawrence Cutajar lill-Membri tal-Korp tal-Pulizija

Kollegi,

Jekk Alla jrid għaddiet sena oħra minn fuqna. Din is-sena jiena nqisha bħala waħda li fiha ttieħdu diversi miżuri biex il-membri tal-Korp igawdu minn ħafna beneficċji fil-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom. Ftit minn dawn kienu l-introduzzjoni tal-*fixed points* li issa qed isiru fuq bażi ta' *overtime* biex b'hekk, barra li tiżdied il-preżenza fit-toroq tagħna, dak li jkun, jaqla' xi ħaġa żejda għall-familja tiegħu. Ingħata wkoll il-beneficċju biex il-pulizija jistgħu jaħdmu xogħol *part-time* bil-permess u mhux aktar bil-moħbi u b'mod klandestin. Bdejna *pilot project* tal-*body cams* fit-Taqsima tat-Traffiku bil-ħsieb li din tiġi introdotta għall-membri kollha tal-Korp. Bħalissa għaddejjin ukoll b'ħidma biex jiġu introdotti uniformijiet ġodda li huma aktar komdi u aktar moderni għaż-żminijiet tal-lum. Żidna n-numru ta' vetturi ġodda. Spiċċa ż-żmien li d-distretti jingħataw vetturi użati qishom tas-sekonda klassi. Bħalissa qegħdin isiru wkoll diskussjonijiet biex il-membri kollha tal-Korp ikollhom polza ta' assikurazzjoni. Fiduċjuż li bħalma wasalna f'ħafna affarijiet oħra, f'din naslu wkoll. Però wieħed jifhem ukoll li ma jistax isir kollox f'daqqa. Jiena f'dawn is-sentejn u nofs ippruvajt nirranġa s-sitwazzjonijiet li ili nisma' fil-Korp għal dawn l-aħħar 40 sena. Umilment ngħid li f'dan iż-żmien imxejna ħafna 'l quddiem però nerġa' ngħid li kollox jieħu l-ippjanar u l-ħin tiegħu.

Barra dan kollu, din is-sena nfetħu għadd ta' opportunitajiet għall-membri tal-Korp. Kellna tista' tgħid numru ta' promozzjonijiet f'kull rank. Barra minn hekk numru kbir ta' pulizija attendew diversi korsijiet kemm Malta, kif ukoll barra l-pajjiż biex ikabbru l-ħiliet tagħhom f'diversi oqsma tal-Korp.

Sakemm qiegħed nikteb dan il-messaġġ, għaddej reklutaġġ fl-Akkademja tal-Korpi Dixxiplinati u f'nofs Novembru, il-Korp se jkun issaħħaħ bi kważi 80 kuntistabbli ġdid.

Barra dan id-demm ġdid fil-Korp, ġew ingaġġati wkoll numru sabiħ ta' kuntistabblijiet ta' riżerva li l-esperjenza tagħhom bla dubju se sservi fil-ħidma tal-Korp f'diversi taqsimiet differenti.



Din is-sena kienet ikkaratterizzata wkoll bid-diskussjonijiet li kellna mal-awtoritajiet fuq il-ftehim settorjali għall-membri kollha tal-Korp tal-Pulizija. Dawn ġew magħluqa u ġew fis-seħħ ftit tal-ġimgħat ilu u wieħed jista' jgħid bla tlaqliq li dan il-ftehim jista' jitqies bħala wieħed storiku għal diversi raġunijiet. Hu verament ta' unur għalija li kelli sehem fih u għandi l-firma tiegħi fuqu. Mingħajr ma nidħol fil-beneficċji kbar li se jgawdu l-membri tal-Korp b'dan il-ftehim, jiena nqis dan il-ftehim settorjali bħala uniku għal tliet raġunijiet prinċipali. L-ewwel, li kien l-ewwel ftehim li sar fuq mejda b'dawk kollha involuti fosthom l-*unions* tagħkom li kellhom sehem kbir fit-taħdidiet kollha li saru u ħafna mit-talbiet tagħhom ġew milqugħa. It-tieni fatt hu li perla f'dan il-ftehim kienet l-introduzzjoni ta' ġimgħa ta' 40 siegħa u s-sigħat li jinħadmu żejda jiġu mħallsa *overtime*. L-aħħar u mhux l-inqas huwa li dan il-ftehim se jibqa' marka fuq il-membri tal-Korp għal ħajjithom kollha għax bl-akkwist ta' skala oħra dan se jibqa' jirrifletti fuqkom għal dejjem billi meta membru tal-Korp jispiċċa se jibbenifika fil-pensjoni tiegħu.

Din is-sena rat ukoll bosta suċċessi għall-Korp tal-Pulizija fejn tidħol il-ġlieda kontra l-kriminalità. Biex ngħid dak kollu li sar irrid nieħu aktar minn paġna waħda ta' din ir-rivista. Però tajjeb wieħed jindika li din is-sena kienet waħda rekord fejn tidħol qbid ta' droga u anke ġew imkissra numru ta' gruppi fejn tidħol kriminalità organizzata.

Fuq bażi personali nixtieq nirrimarka li fi Frar tas-sena d-dieħla nagħlaq 40 sena bħala membru fil-Korp tal-Pulizija. Kienu bla dubju snin li tawni minn kollox. Żminijiet ta' sodisfazzjon u anke mumenti oħra ta' diqa. Għandi l-

unur ngħid li l-ħidma tiegħi fil-Korp tal-Pulizija kienet fir-rankijiet kollha. Forsi għal din ir-raġuni stajt nifhem ċertu problemi tal-membri tal-Korp fejn jidħol ix-xogħol tagħhom u anke fuq bażi personali. Matul dawn is-snin kollha ħdimt ma' amministrazzjonijiet differenti. Għandi s-sodisfazzjon ngħid li f'dawn is-snin ix-xogħol tiegħi kien rikonoxxut b'numru ta' promozzjonijiet u anke b'dekorazzjonijiet oħra għas-servizz tiegħi. Min jafni jista' liberalment jgħid li jiena fuq ix-xogħol dejjem ippruvajt nimxi bl-istess kejl ma' kulħadd u qatt ma kelli problemi minħabba affarijiet estranji mid-doveri tiegħi bħala membru tal-Korp.

Ovvjament ħadd mhu għal dejjem. In-nies jirtiraw u jitilqu, imma l-Korp tal-Pulizija jibqa' għaddej bħalma għamel matul dawn is-snin glorjużi tiegħu. Ikolli nistqarr li kemm ili mmexxi l-Korp kien hemm mument wieħed biss fejn ħassejtni li wasal iż-żmien tiegħi. Dan kien dakinhar tal-inċident ta' seħibna Simon Schembri. Niftakar meta mort l-isptar u rajtu fis-sura li kien fiha bkejt għalih u għall-familja tiegħu. Dak il-ħin ħassejtni li jiena kelli parti mit-tort ta' dan l-inċident u dan peress li kien qiegħed jinħoloq ċertu ambjent fil-konfront tal-pulizija anke bi kritika diretta għalija minn ċertu settur tas-soċjetà. Meta mort id-dar domt naħsibha. Xi jiem wara jiena mort narah l-ITU. Kien qiegħed jistrieħ u ma ridtx inqajmu. Però dan f'xi ħin stenbaħ, staqsejtu jekk kienx qed jagħrafni. U r-riposta tiegħu għadha mmarkata f'moħħi sal-lum. Qalli dawn il-preċiżi kelmiet, 'Lilek ma narafx Sir...tħobbu tant liż-żgħir u tagħmel daqs dak ġid għalina'. Dak il-ħin erġajt bkejt fis-skiet. Il-kliem tiegħu reġa' tani kuraġġ ta' sur biex inkompli fil-ħidma tiegħi.

Min-naħa tiegħi sakemm l-ewwel nett tagħtini saħħti u jkolli l-appoġġ tal-familja tiegħi, tal-amministrazzjoni tal-pajjiż u fuq kollox il-fiduċja tagħkom, se nkompli naħdem biex dak li bdejna flimkien inkompluh u nkomplu nsaħħuh.

Irid ngħid ukoll kelma ta' ringrazzjament lis-Sur Angelo Gafà, is-CEO, u lil dawk kollha li jaħdmu kuljum qrib tiegħi u li mingħajrhom żgur ma konniex naslu sa fejn wasalna llum.

Fl-aħħar nett, nixtieq nieħu din l-opportunità biex nawgura lill-membri tal-Korp kollha u l-familji tagħhom Milied ħieni u Sena ġdida mimlija ġid, saħħa u suċċess.

Lawrence Cutajar - Kummissarju

# Michael Attard

# Messaġġ mill-Kap Eżekuttiv tal-Korp is-Sur Angelo Gafà

Għeżież kollegi,



Bil-grazzja tal-ħanin Alla reġgħet għaddiet sena oħra. Din id-darba xtaqt naqsam magħkom xi ħsibijiet li nibtuli wara l-iffirmar tal-ftehim settorjali f'Ottubru li għadda.

Mal-milja taż-żmien ix-xogħol imwettaq mill-pulizija żviluppa fi professjoni tant li llum il-ġurnata studji f'dan is-suġġett huma offruti mill-aqwa universitajiet sa livell ta' *Masters*. Għaldaqstant il-Korp tal-Pulizija Malti li jħaddan fih ammont sostanzjali ta' gradwati jeħtieġ li jifhem b'mod ċar x'inhu dak li jispira liż-żgħażagħ tagħna sabiex jibdew karriera fil-Korp, x'inhuma l-aspirazzjonijiet tal-uffiċjali membri tal-Korp u x'fatturi huma neċessarji sabiex l-aqwa uffiċjali jibqgħu jservu fil-Korp wara l-ħamsa u għoxrin sena servizz. F'kelma waħda rridu nħarsu lejn dak li jimmotiva lill-membri tagħna fuq il-post tax-xogħol. Huwa fatt magħruf li Korp motivat jikkontribwixxi servizz aħjar għall-ġid tas-soċjetà.

Meta nistudjaw il-motivazzjoni nanalizzaw il-għaliex individwu jaġixxi b'ċertu mod. Fil-bidu tas-seklu għoxrin l-istudjużi kienu jisħqu li l-ħaddiema kienu mmotivati mill-flus li jaqilgħu. Waqt li huwa stat ta' fatt li l-maġġor parti tan-nies jaħdmu biex jaqilgħu l-għajxien tagħhom, mal-milja taż-żmien l-istudji żviluppaw b'tali mod li l-ħaddiem beda jiġi analizzat fit-totalità tiegħu u fejn allura fatturi bħal rikonoxximent kif ukoll xogħol varjat u interessanti bdew jiġu kkunsidrati bħala elementi neċessarji li jinfluwenzaw lill-impjegati fuq il-post tax-xogħol. It-teoriji għaldaqstant bdew jiddistingwu bejn żewġ tipi ta' motivazzjoni, dik estrinsika bħalma huwa s-salarju marbut max-xogħol imwettaq, u dik intrinsika li tirrigwardja benefiċċji psikoloġiċi marbuta mal-kwalità tax-xogħol imwettaq, bħal ngħidu aħna l-użu tal-aħħar teknoloġija fit-twettiq tax-xogħol. L-istudjużi jenfasizzaw li filwaqt li l-motivaturi estrinsiċi għandhom impatt qawwi u immedjat, dawk il-motivaturi intrinsiċi li jirrigwardjaw titjib fl-impieg, iħallu impatt aktar profond u għal tul itwal ta' żmien.

Il-ftehim settorjali ffirmat riċentement kien eżerċizzju intenzjonat li jikkontribwixxi għal motivazzjoni estrinsika. M'hemmx dubju li l-benefiċċji marbuta ma' dan il-ftehim, primarjament it-tnaqqis tas-sigħat ta' ħidma minn ġimgħa ta' 46 siegħa għal waħda ta' 40 siegħa kif ukoll titjib fl-iskali fost oħrajn, għandhom iwasslu biex titjieb il-prestazzjoni tal-membri tal-Korp. Fl-istess waqt però, konxji mill-fatt li l-effett ta' tali eżerċizzju huwa kemmxejn qasir, l-amministrazzjoni tefgħet ħarsitha fuq it-twettiq ta' miżuri intenzjonati li jżidu l-motivazzjoni intrinsika tal-membri tagħha.

Għaldaqstant, wara diskussjonijiet mal-gvern ċentrali, aktar kmieni din is-sena l-*fixed points* ma baqgħux aktar parti mix-xogħol regolari tal-pulizija iżda beda jsir minn membri tal-Korp fuq bażi ta' sahra. B'dan il-mod, il-pulizija għandhom iħossuhom aktar parti minn ħidma ffukata fuq il-prevenzjoni u l-investigazzjoni tal-kriminalità, fatturi li normalment iħajru liż-żgħażagħ sabiex jingaġġaw fil-Korp.

Apparti dan kollu, kif ġa ġie mħabbar lilkom fl-aħħar ħarġa ta' dan il-magażin, l-amministrazzjoni tal-Korp bħalissa qed taħdem fuq numru ta' proġetti intiżi li jtejbu l-ambjent u r-riżorsi li naħdmu bihom. Fost oħrajn, għaddej studju li jinsab fi stadju avvanzat ħafna li għandu jwassal għal tibdil drastiku fl-uniformi milbusa fit-twettiq tad-dmirijiet tagħna. Fl-istess waqt, qegħdin bħalissa nanalizzaw alternattivi varji sabiex eventwalment is-sena d-dieħla jinħareġ *tender* għax-xiri ta' *body cameras* li għandhom iżidu t-trasparenza tal-operat tal-Korp filwaqt li nissalvagwardjaw lill-membri tagħna minn allegazzjonijiet foloz fil-konfront tagħhom.

Proġetti oħra intiżi li jagħmlu l-ħidma tal-membri tagħna waħda aktar pjaċevoli jinkludu l-proġett ta' tkomplija tal-immodernizzar tal-vetturi tal-Korp, titjib fl-infrastruttura u fis-sigurtà tal-għases, il-kostruzzjoni ta' *Command and Control Room* mgħammra bl-aħħar teknoloġija kif ukoll kostruzzjoni ta' laboratorju forensiku li għandu jħabbatha tajjeb ma' laboratorji oħra simili barranin. Magħdud ma' dan kollu, bi ftehim mal-Akkademja għall-Korpi Dixxiplinati, minn Jannar li ġej ser nintroduċu format ġdid u aktar professjonali ta' taħriġ għall-membri tal-Korp. Fuq kollox, bħalma tafu, din is-sena l-Korp introduċa sistema ġdida għat-tħaddim tal-premju tal-Uffiċjal tas-Sena kif ukoll taċ-ċertifikati ta' kommendazzjoni u fil-fatt għall-ewwel darba, dawn il-premjijiet ser jingħataw wara evalwazzjoni tan-nomini magħmula minnkom stess.

Huwa ċar għaldaqstant li filwaqt li salarju adegwat huwa neċessarju, l-amministrazzjoni tal-Korp hija konxja li l-għodda li naħdmu biha u l-ambjent li noperaw fih huma l-aktar fatturi importanti li jgħollu l-moral tal-uffiċjali tagħna. B'dan il-mod qed nippruvaw nattiraw l-aħjar persuni fi ħdan il-Korp u nżommu l-aħjar riżorsi umani anke wara l-ħamsa u għoxrin sena servizz.

Nagħlaq billi nawgura lilkom u lill-għeżież tagħkom il-Milied u s-sena t-tajba mimlijin b'dak kollu li tixtieq qalbkom, fuq kollox il-paċi.

DOMINE DIRIGE NOS

# INTENTIONALLY LEFT BLANK

# Dan l-aħħar...

minn WPC 25 Charlene Cilia - CMRU

Fit-28 ta' Settembru 2018, ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali Dr Michael Farrugia flimkien mal-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur Lawrence Cutajar ippresedew waqt ċerimonja ta' għotjien ta' medalji għal servizz twil u effiċjenti lill-107-il uffiċjal u eks uffiċjal fil-Korp tal-Pulizija.

Fid-diskors tiegħu l-Ministru filwaqt li nkoraġġixxa lil kull uffiċjal sabiex ikunu eżemplari fil-ħidma tagħhom, huwa rringrazzjahom tal-imġiba korretta u tax-xogħol li jagħmlu ta' kuljum fil-Korp. Huwa saħaq li ħafna drabi hu aktar faċli li tikkritika milli tirringrazzja lil xi ħadd. Il-Ministru żied jgħid li hu jqis is-suċċessi tal-pulizija billi jara li r-rata tal-kriminalità tonqos kif fil-fatt ġara. Il-Ministru temm id-diskors tiegħu billi semma kif il-ftehim kollettiv tal-pulizija ser jagħti rikonoxximent għax-xogħol tal-pulizija u ser iħajjar aktar persuni jidħlu u jissieħbu fil-Korp.

Il-Kummissarju tal-Pulizija wkoll ħejja diskors għall-okkażjoni, fejn spjega kif f'dawn l-aħħar sentejn u nofs sar jaf xi tfisser li pulizija jieħu l-medalja jew il-*clasp* u s-sodisfazzjon li tħoss. Il-valur tagħha din il-medalja jinħass meta għal xi raġuni jew oħra ma tikkwalifikax għaliha wara li tkun għamilt xogħlok tajjeb... għax xi ħaġa tajba matul is-snin tkun għamilt. "Tiskanta kemm jieħdu ħażin dan il-fatt", saħaq il-Kummissarju.

Is-Sur Cutajar ħa l-opportunità f'din iċ-ċerimonja sabiex ixejjen xnigħat li kienu qed jiċċirkolaw f'dak iż-żmien li bdew jagħtu l-impressjoni li l-Kummissarju seta' kien ħa jirreżenja. Il-Kummissarju hawnhekk semma dak kollu li twettaq u dak kollu li bħala pajjiż għaddejna minnu u dejjem kellu riżultat pożittiv. Filwaqt li dawn ir-riżultati huma ta' sodisfazzjon għall-Kummissarju, huwa jinkwieta li dawn ix-xnigħat jistgħu joħolqu inċertezza bejn il-membri tal-Korp, " U jien din li ma rridx, inċertezza bejnietna".

Il-Kummissarju filwaqt li feraħ lill-membri li ġew onorati bil-medalji u *clasps*, għalaq id-diskors billi qalilna li sakemm jibqa' jħoss l-appoġġ tagħna, tal-familja tiegħu u n-nies u l-ħbieb qrib tiegħu u sakemm għandu l-fiduċja tal-amministrazzjoni tal-pajjiż u sakemm is-saħħa tibqa' ttih, hu ħa jibqa' jaħdem.







Sezzjoni ġdida li ġiet inawgurata fil-Korp tal-Pulizija hija l-*Passenger Information Unit* – PIU, li fetħet il-bibien tagħha fid-19 t'Ottubru 2018. U propju għal din l-okkażjoni l-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali Dr Michael Farrugia flimkien mas-Segretarju Parlamentari s-Sur Aaron Farrugia inawguraw b'ċerimonja qasira din is-sezzjoni.

Il-Ministru semma kif l-Unjoni Ewropea ħasset li timplimenta din id-direttiva anki fuq Malta wara influss mhux ħażin ta' dħul irregolari ġewwa l-Ewropa. Huwa spjega kif Malta hija minn tal-ewwel li bdiet topera din id-direttiva li l-iskop tagħha huwa li tipproċessa, tinvestiga u tressaq quddiem il-ġustizzja persuni assoċjati ma' terroriżmu jew kriminalità organizzata.

Il-Kap ta' din it-taqsima l-ġdida, l-Ispettur Sandra Zammit semmiet kif huma qed jaħdmu id f'id ma' membri oħra barra minn xtutna u dan sabiex insaħħu s-sigurtà kemm nazzjonali kif ukoll internazzjonali.

---




Bejn id-29 t'Ottubru u t-2 ta' Novembru, is-sezzjoni tal-Forensika f'isem il-Korp tal-Pulizija organizzat taħriġ tas-CEPOL bl-isem *Disaster Victim Identification* (DVI) *Training Course 2018*.

28 parteċipant minn pajjiżi differenti madwar l-Ewropa, flimkien ma' membru tal-Protezzjoni Ċivili ta' Malta u 5 uffiċjali tal-Pulizija mis-sezzjoni tal-Forensika, ingħataw taħriġ minn 3 esperti fuq is-suġġett. L-esperti ġew mill-Ingilterra, mill-Interpol u mil-Lussemburgu.

Kif jindika l-isem, it-taħriġ kien iffukat fuq l-identifikazzjoni ta' vittmi, imma sar taħriġ ukoll fuq suġġetti oħra bħal koordinazzjoni tax-xena tar-reat fost oħrajn. It-taħriġ kien maqsum f'teorija u diskussjonijiet li saru ġewwa l-lukanda SeaBank, ġewwa l-Għadira u sessjonijiet ta' prattika saru 'l barra mil-lukanda, fil-limiti tat-Torri l-Aħmar, il-Mellieħa.

F'waħda mis-sessjonijiet li saru matul il-ġimgħa, għamel żjara l-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali Dr Michael Farrugia, fejn tkellem mal-parteċipanti rigward l-importanza u d-dritt li l-vittmi jiġu identifikati u filwaqt li rringrazzja lill-parteċipanti tax-xogħol tagħhom, ħeġġiġhom biex jużaw dan it-taħriġ mhux biss bħala forum edukattiv imma wkoll biex jieħdu l-opportunità li jaqsmu ma' xulxin l-esperjenzi u l-għarfien tagħhom.

Il-kors għalaq bil-preżentazzjoni taċ-ċertifikati, fejn il-parteċipanti kemm Maltin u anke barranin kellhom kliem ta' tifħir għall-mod kif kien organizzat it-taħriġ, u b'mod speċjali ħassew li l-fatt li dak li semgħu fit-teorija kellhom iċ-ċans li jippruvawh fil-prattika, għen biex setgħu jifhmu iżjed il-materjal.

---

Id-9 ta' Novembru 2018 - għal 77 persuna, illum kuntistabblijiet fi ħdan il-Korp tal-Pulizija hija ġurnata memorabbli u dan minħabba l-fatt li dakinhar huma ħadu l-ġurament tal-ħatra wara li temmew b'suċċess erbà xhur ta' taħriġ ġewwa l-Akkademja tal-Korpi Dixxiplinati.

F'diskors għal din l-okkażjoni, il-Kummissarju tal-Pulizija qal li jinsab onorat u sodisfatt li l-Korp ħa jissaħħaħ b'iktar preżenza tal-Pulizija fil-komunità, kif ukoll se jissaħħu l-branki speċjalizzati bħalma hi t-Taqsima ta' Kontra l-Frodi u l-Ħasil tal-Flus. Il-Kummissarju qal li jemmen li ħafna minnhom se jkollhom suċċess fil-karriera tagħhom u assigurahom li l-opportunitajiet mhux ħa jonqsu. Il-Kummissarju qal ukoll li dan hu l-ewwel grupp li daħal fil-Korp tal-Pulizija wara li ġie ffirmat il-ftehim kollettiv li ġab miegħu benefiċċji kbar għal Pulizija. Huwa awguralhom ukoll l-akbar suċċess.

Il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali Dr Michael Farrugia filwaqt li awguralhom, ħeġġiġhom sabiex ikomplu jitħarrġu fil-fiżika u fis-suġġetti akkademiċi sabiex javvanzaw fil-karriera tagħhom u eventwalment jitilgħu fl-ogħla livelli fil-Korp tal-Pulizija.

PC Justin Debono rċieva l-premju bħala l-aktar rekluta li ddistingwa ruħu matul il-kors. Fid-diskors tiegħu Justin irringrazzja lill-Kummissarju u lill-Kmandant tal-Akkademja f'isem ir-rekluti kollha. Hu qal li l-każ tal-kuntistabbli Simon Schembri jservi bħala ispirazzjoni għall-membri kollha tal-Korp, kif fil-fatt kien għalihom matul dan il-kors. Huwa għalaq id-diskors tiegħu billi qal lill-kollegi sħabu kollha biex ma jaqtgħux qalbhom għax l-għan tagħhom hu li jservu lill-poplu.

Waqt din iċ-ċerimonja ġew ippremjati wkoll PC Odin Cutajar li ġie l-ewwel fl-istudji prattiċi u warajh fit-tieni post ġie PC Justin Debono. Filwaqt li fis-suġġetti akkademiċi ġew ippremjati WPC Rita Scerri fl-ewwel post u WPC Dorianne Gatt fit-tieni post.

Filwaqt li nilqgħu magħna dawn il-kollegi ġodda, nifirħulhom u nawgurawlhom suċċessi matul il-karriera kif ukoll sodisfazzjon fix-xogħol li ħa jiltaqgħu miegħu ta' kuljum.



## Jum it-Tifkira

Fl-okkażjoni tal-100 sena mit-tmiem tal-Ewwel Gwerra Dinjija, il-Gwardja tal-Unur tal-Pulizija taħt id-direzzjoni tal-Kmandant, l-Ispettur Trevor Micallef, flimkien mal-Gwardja tal-Unur u l-Banda tal-Forzi Armati ta' Malta, ħadu sehem f'parata li spiċċat quddiem il-Monument tal-Gwerra, fil-Furjana.
L-Eċċellenza Tagħha l-President ta' Malta, flimkien mal-ogħla awtoritajiet tal-pajjiż poġġew kuruni fuq il-monument.
Fuq inizjattiva tal-Ispettur Trevor Micallef u bi qbil mal-Forzi Armati ta' Malta, din il-parata għall-ewwel darba, saret bir-*rifles*, sabiex il-100 sena mill-ħdax-il siegħa, tal-ħdax-il ġurnata, tal-ħdax-il xahar, tiġi mfakkra kif jixraq.

magazine.police@gov.mt



# Iċ-Ċerimonja fuq l-oqbra u s-sehem tal-Gwardja tal-Unur matul iż-żmien

Mill-Maġġur 1133 Joseph Borg – Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija

Bħala attività annwali oħra fi ħdan il-Korp tal-Pulizija, nhar il-Ħadd 4 ta' Novembru li għadda, saret iċ-ċerimonja fuq l-oqbra tal-Korp.



Din is-sena fil-fatt kienet is-86 sena minn meta bdew isiru dawn iċ-ċerimonji fuq l-oqbra tal-Korp. Kien nhar it-30 t'Ottubru tal-1932 li l-Kummissarju ta' dak iż-żmien, is-Sur Salvu Galea, ħareġ ordni ġenerali lill-membri kollha tal-Korp, fejn għarrafhom illi fl-1 ta' Novembru li kien imiss kellha ssir ċerimonja ta' tifkira fuq l-oqbra tal-Pulizija, li kienu għadhom kemm ġew irrestawrati u li fuqhom tpoġġa l-monument ċentrali b'tifkira tal-imseħbin mejta tal-Korp. Ix-xiri ta' kompartament sħiħ mill-Pulizija ta' 36 qabar u żewġ ossarji li propju fuqhom issir iċ-ċerimonja; kien rifless t'eżempju tajjeb u għaqal min-naħa tal-*Marine Police* li kienu huma li ħajru lid-diriġenti tal-Korp fl-1881 sabiex jixtru dawn l-oqbra u fihom ikunu jistgħu jibdew jidfnu l-membri tagħhom. Huma fl-istess żmien, bħala sezzjoni fi ħdan il-Korp kienu wkoll ikkordaw ix-xiri ta' sitt oqbra f'dan l-istess ċimiterju. Bħalhom fl-istess żmien xtraw ukoll oqbra simili l-Fratellanzi, Ordnijiet u kongregazzjonijiet reliġjużi, għaqdiet u assoċjazzjonijiet oħra li kien ġa hawn stabbiliti f'dawk iż-żminijiet, ilkoll bl-iskop sabiex jidfnu l-membri mejtin tagħhom.



Din it-tifkira kienet baqgħet issir kull sena nhar 1 ta' Novembru, b'ċerimonja Para-Militari u servizz reliġjuż; li jinkludi t-tberik tal-oqbra, qari mill-Evanġelu u kant reliġjuż tal-okkażjoni mit-tfal tal-Istitut ta' San Ġużepp tal-Ħamrun.



Ta' min isemmi wkoll illi l-ġest tat-tneħħija tal-beritta f'din iċ-ċerimonja, eżatt qabel ma jibda r-rit reliġjuż mill-Kappillan tal-Korp bit-tberik tal-oqbra u t-talb lil Alla l-Imbierek, '*sabiex l-erwieħ tagħna u dawk universali jibqgħu fil-ħniena tiegħu*'; baqgħet issir mill-Korp tal-Pulizija; sabiex apparti li nżammet it-tradizzjoni; b'mod simboliku jkun qed jingħata r-rispett bl-ogħla ġieħ u qima.

Din is-sena wkoll għall-ewwel darba, f'din iċ-ċerimonja ħadu sehem il-*Firing Party* fi ħdan l-istess Gwardja tal-Unur, li ngħaqad mal-kontinġent tas-soltu li jkun kompost kif għidna; mill-Gwardja tal-Unur, membri tal-banda (*trumpeters & bagpipes*) u l-*memorial officers*; iż-żewġ fizzjali li din id-darba rajniehom flok is-soltu membri tal-kavallerija. Dawn immanuvraw bix-xwabel tagħhom, skont ordnijiet mill-kmandant mexxej tal-parata, waqt li huma jkunu stazzjonati mal-istess monument.

Xi ħaġa li din is-sena nnotajnieha wkoll, kienet l-attendenza sabiħa tal-pubbliku waqt iċ-ċerimonja, li laqa' u approva dak kollu li kien ippreparat b'ċapċip eżatt kif intemmet iċ-ċerimonja. Din kienet xi ħaġa mhux tas-soltu waqt din iċ-ċerimonja, li żgur imliet b'aktar kuraġġ lil kull min kien involut. Barra minn hekk dan kien xejn aktar minn ġest ta' sentiment, ġej mill-qalb ta' dawk preżenti. Xhieda oħra ta' kemm il-pubbliku japprezza l-ħidma tagħna minkejja s-sagrifiċċji li forsi wkoll fuq nota pożittiva, f'ħafna drabi, aħna stess mhux dejjem inkunu konxji ta' dan.

## Iżda kif u għaliex kienet twaqqfet il-Gwardja tal-Unur tal-Pulizija?

Fost oħrajn, din kienet ukoll l-idea tal-Kummissarju Bamford, f'sensiela ta' affarijiet li riedu jsiru bħala parti mill-istess riforma tiegħu fl-1920. Għalhekk minn dak iż-żmien kien ta bidu biex il-Korp ikollu l-banda tiegħu. Iżda hekk kif ftit wara li kienet bdiet tifforma l-banda, magħha kontinġenti ta' Pulizija bdew ukoll ikunu msejħa sabiex iffurmaw Gwardja tal-Unur. Dawn bdew jieħdu sehem f'parati u ċerimonji waqt li wkoll jilqgħu xi dinjitarji u personaġġi distinti li kienu jiġu Malta.

Iżda kien mill-1968 'il hawn, li l-Pulizija bdew jingħataw taħriġ bl-azzarini għall-Gwardja tal-Unur u wkoll sabiex jagħmlu l-parati. Imbagħad f'Ġunju tal-1988 skwadra speċjali mill-istess Gwardja, bdew



jagħmlu taħriġ speċjali biex żviluppaw u ffurmaw il-famuż *Silent Drill Display.* Sintendi dan wassal ukoll biex eventwalment il-Korp ikollu l-*Precision Drill Team* li għandna llum il-ġurnata. L-ewwel wirja ta' din ix-xorta kienet saret propju fi Pjazza San Ġorġ, il-Belt Valletta, fl-1 t'Ottubru tal-1988. Il-wirjiet minn dawn l-iskwadri kif għedt komplew u għadhom isiru sal-lum il-ġurnata bl-ifjen teknika u fl-ogħla livelli, bil-qofol tagħhom ikun dakinhar tat-12 ta' Lulju ta' kull sena meta jiġi ċċelebrat Jum Il-Pulizija.

## X'inhu l-iskop tal-parati?

Għalkemm ma tantx nistgħu ngħidu li nstabet informazzjoni miktuba dwar il-parati mill-Korp tal-Pulizija ta' Malta, min-naħa ta' ritratti dan jikkumpensa mhux bil-ftit, għall-fatt li ritratti għandna mhux ħażin u ta' żminijiet differenti. Minkejja li l-idea ta' parati kif għidna kienet xi ħaġa li tagħti spettaklu mal-banda. Aspett importanti ieħor ikun l-involviment mill-Gwardja tal-Unur, biex jassistu waqt żjarat statali f'Malta, saħansitra wkoll lill-membri tal-Familja Rjali.

Prattikament il-parata flimkien mal-banda, joħolqu tassew l-ambjent veru ta' spettaklu; b'dawk il-karatteristiċi mixtieqa minn nies, li tassew jallegrawhom u jferrħuhom. Mod ieħor kif il-Pulizija tikkomunika mal-pubbliku; b'turija ta' sens ta' ordni, dixxiplina u dinjità li fl-aħħar mill-aħħar, wieħed jifhem ukoll li dan jintlaħaq biss permezz ta' sagrifiċċji kontinwi, li bħalma nafu mhux kulħadd ikun lest li joqgħod għalihom.

joseph.q.borg@gov.mt



Malta Police Association

Your Independent Union

mis-Surġent Johann Mifsud - Segretarju Eżekuttiv MPA

Fl-aħħar artiklu tiegħi fil-ħarġa ta' Settembru konna qed nitkellmu fost oħrajn fuq il-ftehim settorjali, fejn konna semmejna li wasalna biex nagħlqu mal-Gvern u nduru fuqkom il-membri biex tkunu intom li tiddeċiedu jekk dan il-ftehim kienx tajjeb jew le.

B'sodisfazzjon kbir ngħid li dan intlaqa' tajjeb fejn fil-ħames laqgħat li saru kemm f'Malta kif ukoll fil-gżira t'Għawdex il-voti kienu kollha unanimi u għalhekk dan wassalna biex nhar it-Tnejn 15 t'Ottubru ġie ffirmat u b'hekk kulħadd beda jgawdi minnu.

Għalkemm persważ li kulħadd jaf x'fih il-ftehim, l-iktar punti kruċjali kienu dawn;

- Tnaqqis ta' 6 sigħat xogħol fil-ġimgħa
- Kulħadd ser jogħla skala
- *Leave* baqa' kollu
- Żieda qawwija fl-*allowances*
- *Disturbance allowance* aħjar għall-fizzjali
- Fl-aħħar u mhux l-inqas *allowance* u skala *backdated* mill-1 ta' Jannar 2018

Affarijiet oħra li mhux imsemmija f'dan il-ftehim però ġew awtomatiċi, peress li s-sigħat tax-xogħol fil-ġimgħa tnaqqsu minn 46 għal 40 siegħa, isarrfu fi 312-il siegħa xogħol inqas ċioè (39 ġurnata) fis-sena u rati ta' *overtime* aħjar.

Gwadann ieħor huwa għal dawk li jaħdmu 24/7 fejn ix-xift tagħhom xorta baqa' jinħadem b'42 siegħa. Dawn ser jitħallsu sagħtejn *overtime* fil-ġimgħa.

Issa li l-uġigħ ta' ras għaddiet, għax emmnuni mhux faċli li tasal fejn wasalna, niskużaw ruħna li dan ħa ftit fit-tul però nimmaġina li tifhmu għaliex. Ta' min ifakkar lill-membri li dan il-ftehim huwa l-ewwel wieħed għalina minn mindu sirna unjin madwar tliet snin ilu, peress li qabel kien isir kollox bejn il-Kummissarju u l-Gvern mingħajr il-konsultazzjoni ta' ħadd u għalhekk aħna ninsabu kburin li flimkien magħkom wasalna fejn qegħdin illum.

Il-ftehim ġie ffirmat u kapitlu magħluq però nixtieq ninfurmakom li dan ma kienx faċli peress li l-Gvern mhux mill-ewwel aċċetta l-proposti tagħna u kien wara diversi laqgħat u argumenti validi mal-awtoritajiet li l-Gvern fehem għaliex konna qed nitolbu dawn iż-żidiet.

Min hawn nixtieq nirringrazzja ħafna nies li kienu parti minn dan il-ftehim u li kieku ma kinux huma ma konniex naslu, fosthom il-Kummissarju s-Sur Lawrence Cutajar, il-Kap Eżekuttiv is-Sur Angelo Gafà u membri mill-eżekuttivi tal-*Malta Police Association*, il-POU u ovvjament il-Gvern. Però fl-aħħar u mhux l-inqas nixtieq minn qalbi nirringrazzja l-espert f'din il-materja s-Sur Mario Sacco li mingħajr l-għajnuna tiegħu kienet tkun ferm aktar diffiċli biex naslu.

Ovvjament apparti dan il-ftehim peress li nbiddlu l-ħinijiet tax-xogħol kellu jsir ħafna xogħol ieħor biex jinħadmu xiftijiet ġodda għad-dipartimenti kollha, però b'wiċċi minn quddiem ngħid li kien hemm kollox ippjanat sew u allura mill-għada li ġie ffirmat dan il-ftehim kulħadd seta' jgawdi l-frott tiegħu mill-ewwel. Mhux kollox ward u żahar u żgur li intom tifhmu li kien hemm xi affarijiet jew għad hemm li għadhom mhux jaħdmu b'mod perfett, però għall-grazzja t'Alla bil-mod qed naslu grazzi għall-koperazzjoni li qed insibu mis-Sur Cutajar u s-Sur Gafà.

Ta' min infakkar lill-membri li apparti ż-żieda li ħadna mill-ftehim settorjali, aħna peress li nagħmlu parti mill-ftehim kollettiv tal-impjegati kollha tal-Gvern ħa jkun hemm żieda oħra li tvarja bejn €465 (skala 14) sa €768 (skala 5) fis-sena. Din iż-żieda tibda minn Jannar 2019 u ż-żieda tkun maħduma skont l-iskala li ser tkun fiha.

Ix-xogħol tal-MPA huwa kontinwu u għalhekk li issa dan il-ftehim ġie konkluż ma jfissirx li aħna lesti minn xogħolna. Il-vantaġġ hu li l-ikbar uġigħ ta' ras lesta u għalhekk issa nistgħu niffokaw aktar fuq affarijiet oħra għall-ġid tal-membri tagħna. Ix-xogħol ma jiqafx però bil-fiduċja li qed turu fina intom aħna ma naqtgħux qalbna.

Issa l-pass li jmiss huwa l-elezzjoni peress li l-mandat għall-eżekuttiv ġie fi tmiemu u għalhekk ser jiġi xolt. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lill-eżekuttiv kollu tax-xogħol siewi li għamel f'dawn it-tliet snin. Żgur li kull wieħed u waħda minnhom, min ftit u min ħafna, għamel il-ġid għall-membri kollha. Nawguralhom li jerġgħu jkunu kandidati flimkien ma' membri ġodda.

Fl-aħħar u mhux l-inqas nixtieq nirringrazzja lill-membri kollha tal-fiduċja li wrew fina f'dawn l-aħħar tliet snin u nħeġġeġ lilhom u lil oħrajn biex jerġgħu jagħtu fiduċja lill-MPA għat-tliet snin li ġejjin billi jidħlu membri għax mingħajr l-appoġġ tagħkom l-ebda unjin ma taħdem u fl-aħħar mill-aħħar huma l-membri li jgawdu l-frott tal-ħidma tagħna.

Bħal dejjem nixtieq infakkar lill-membri tagħna li dawn jistgħu jagħmlu kuntatt magħna permezz ta' facebook fuq www.facebook.com/maltapoliceassociation, jew il-website www.mpa.org.mt, l-*email* exsec@mpa.org.mt jew bit-telefown fuq in-numru 2123 2892.

Fl-aħħar nett minn qalbna nawguraw Milied ħieni lil kull wieħed u waħda minnkom, kif ukoll sena mimlija risq u ġid.

http://www.mpa.org.mt

---

# INTENTIONALLY LEFT BLANK

minn PC 1583 Steve Spiteri – Segretarju POU-GWU

Merħba għeżież kollegi. Din hija l-ewwel darba li qed nikteb hawn mill-ħatra u l-kariga tiegħi bħala Segretarju tal-*Police Officers Union*. Għalhekk ħa nibda billi nintroduċi naqra lili nnifsi. Jien PC1583 Steve Spiteri u ili fil-Korp għal dawn l-aħħar 22 sena u nofs. Bdejt il-karriera tiegħi fil-Pulizija f'Ġunju tal-1996 fejn ġejt stazzjonat ġewwa d-distrett numru 6 li dak iż-żmien kien jinkludi San Ġiljan ukoll (Illum 6A). Bla dubju ta' xejn dawn is-snin kollha fid-distrett titgħallem ħafna u tiltaqa' ma' kull tip ta' rapport li wieħed jista' jimmaġina. Għal dawn l-aħħar sena u nofs qiegħed stazzjonat l-uffiċċju tal-RSM. Qabel ma ddeċidejt li napplika biex inkun membru fil-kumitat tal-POU kont ili sentejn u nofs bħala *shopsteward* tal-POU u kont nirrappreżenta lid-distrett numru 6 li għadni nirrappreżentah sal-lum il-ġurnata. Dejjem ippruvajt ngħin bl-aħjar mod li stajt u hekk ser nibqa' nagħmel.

F'Diċembru tas-sena 2017, is-Surġent Theo Vella kien irriżenja mill-POU peress li nħatar Segretarju tal-Korpi Dixxiplinati fi ħdan il-GWU. Minn hawn nawgurawlu kull suċċess. Is-Surġent Jonathan Attard li kien ukoll membru fil-kumitat kien beda l-proċedura biex jitlaq mill-Korp u allura kien irriżenja wkoll mill-POU. Lilu wkoll hawnhekk nawgurawlu għall-futur tiegħu.

F'Ottubru ta' din is-sena, il-President tal-Unjin l-Ispettur Sandro Camilleri informa lill-membri li kienu fetħu l-applikazzjonijiet għal postijiet vakanti fil-kumitat u li kien ser jinħoloq sottokumitat. Wara li applikaw diversi persuni l-kumitat ġie magħmul mill-membri kif imniżżlin hawn taħt;

**Kumitat:**
President - Spettur Sandro Camilleri, Viċi President - RSM Ray Zammit, Segretarju - PC1583 Steve Spiteri, Teżorier- PS463 Chris Ellul u WPS86 Diane Fenech, PS492 Melchior Micallef u PS1289 Andrei Bonaci bħala membri.

**Sottokumitat:**
PS29 Edward Falzon, PC1489 Jason Attard, PS820 Jonathan Vella, PC840 Roderick Psaila u WPC354 Kelly Schembri.

Bħala rappreżentanti fil-kumitat rigward il-kontribuzzjonijiet huma responsabbli għalih l-RSM Ray Zammit u PC1489 Jason Attard li wkoll huma responsabbli mill-ħinijiet ta' xifts.

PS29, PC840 u WPC354 huma responsabbli mix-*shopstewards.*

PS820 Jonathan Vella huwa r-rappreżentant tal-kollegi Għawdxin.

Filwaqt li WPS86 Diane Fenech u WPC354 Kelly Schembri huma responsabbli minn inċidenti, li jsofru l-membri kif ukoll minn funzjonijiet u attivitajiet oħra. Dawn huma ftit mir-responsabbilitajiet li qed jiġu assenjati.

Il-ftehim settorjali ġie ffirmat. Dan il-ftehim huwa l-ewwel wieħed tax-xorti tiegħu fl-istorja tal-Pulizija u dan għaliex għan-negozjati kienu involuti l-ewwel darba l-unjins. Nirringrazzjaw lil kull min kien involut biex bis-saħħa ta' dan il-ftehim jibdew jitjiebu l-kundizzjonijiet tal-membri tal-Korp.

Xogħol il-POU ma jiqafx mal-ftehim settorjali. Saru u ħa jibqgħu jsiru diversi laqgħat bejn il-kumitat u s-sottokumitat. Dawn il-laqgħat iwasslu biex problemi li jinqalgħu nkunu nistgħu nsolvuhom u ntejbu l-kundizzjonijiet tal-Pulizija. Laqgħat oħra huma max-*shopstewards* tagħna li huma mifruxin f'diversi distretti u sezzjonijiet li saru u ħa jerġgħu jsiru fil-futur qarib. Ix-*shopsteward* għandu rwol importanti ħafna għax huwa l-ħolqa bejn id-distrett / sezzjoni u l-POU. Minn hawn nixtieq nirringrazzjahom tax-xogħol li jagħmlu li ħafna drabi ma jkunx jidher. Diversi problemi jinqalgħu maż-żmien u minn hawn nirringrazzja lill-Kummissarju u l-amministrazzjoni tal-Korp li ta' kull darba li tinqala' xi problema nsibu l-bibien miftuħa sabiex nitkellmu u nirranġaw is-sitwazzjoni biex il-membri tagħna jkunu jistgħu jaħdmu iktar għal qalbhom u ntuhom il-motivazzjoni li jkollhom bżonn.

Filwaqt li ngħidilkom biex min ikollu bżonn xi informazzjoni, għajnuna jew jissieħeb fil-POU tistgħu tkellmu lix-*shopstewards* tagħkom jew inkella tagħmlu kuntatt miegħi jew ma' xi rappreżentant ieħor tal-*Police Officers Union*.

Minn hawn jien PC1583 Steve Spiteri f'ismi, f'isem il-President, il-Viċi President, il-membri tal-kumitat, sottokumitat u l-membri kollha tal-*Police Officers Union* nixtiequ nawguraw il-Milied u s-sena t-tajba lill-Kummissarju u l-familja tiegħu, lill-Kap Eżekuttiv, l-amministrazzjoni, lill-uffiċjali kollha tal-Korp, lil kull membru tal-Pulizija u lill-għeżież tagħkom.

steve.a.spiteri@gov.mt

---

# INTENTIONALLY LEFT BLANK



# *L-editur jiltaqa' ma' Simon*

Konna ilna naħsbu biex nagħmlu intervista ma' Simon għal dan il-magażin, imma l-mistoqsija dejjem kienet, meta hu ż-żmien adattat biex tavviċina lil xi ħadd li jkun għadda minn dak kollu? Ipposponejna minn xahar għal ieħor sakemm il-problema ssolviet waħedha. Avviċinawni li Simon xtaq hu, li jagħmel intervista għall-magażin. Kull min jaf sew lil Simon se jaħseb li qed nigdeb, għax jafu li Simon ma jħobbx jidher. L-intervista xtaq jagħmilha biex jippromwovi l-fundazzjoni li ġiet imnehdija ftit tal-ġranet ilu – **Simon Schembri Blue Light Foundation**.

Laqagħna fid-dar tiegħu, fejn ma tistax ma tinnutax l-ispirtu ta' sapport kbir li għandu mill-familja tiegħu, flimkien ma' dik li dehret bħala s-*security* personali tiegħu; kelba żgħira li ma ċċaqalqitx minn ħdejh matul il-ħin li għamilna hemm. Simon ilu fil-Pulizija 22 sena u kien stazzjonat l-Għassa tal-Belt, il-*Mobile Squad* u mbagħad fis-Sezzjoni tat-Traffiku.

## "Bieb jingħalaq u mija jinfetħu, taqtgħux qalbkom, ix-xogħol tagħna huwa sabiħ"

Tkellimna fuq **Simon Schembri Blue Light Foundation**; il-fundazzjoni li ġiet imnehdija uffiċjalment fit-18 ta' Ottubru 2018, mill-President ta' Malta, l-Eċċellenza Tagħha Marie-Louise Coleiro Preca. Simon qalli li għalkemm l-idea inizjali tal-fundazzjoni bdiet minn sħabu waqt li hu kien l-isptar, jistqarr li fiż-żmien li għamel l-isptar kien ikollu ċans ħafna jaħseb u ħass li baqa' ħaj għal raġuni; li kellu jibda xi ħaġa. Sħabu, li huma wkoll kollegi fil-Korp, donnhom antiċipawh u pproponewlu li jibdew fundazzjoni li tgħin lil min bħalu, ikun sofra ġrieħi waqt il-qadi ta' dmirijietu.



Simon għamilhieli ċara li din il-fundazzjoni, li hija msemmija ovvjament għalih u b'referenza għad-dawl fuq il-vetturi tal-emerġenza, se tkun qed tgħin mhux biss Pulizija, imma l-ħaddiema kollha li jmorru l-ewwel fuq il-post u li jagħtu servizz, fosthom il-Forzi Armati ta' Malta, il-Protezzjoni Ċivili, l-istaff tal-ambulanzi u tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, flimkien mal-familji tagħhom.

Il-fundazzjoni se tkun qed toffri għajnuna morali u psikoloġika u fejn ikun hemm il-bżonn anke finanzjarja, lil dawk li jkunu sofrew ġrieħi waqt il-qadi ta' dmirijiethom. Iżda mhux biss għajnuna lil każijiet individwali, il-fundazzjoni qed taħdem biex tqajjem kuxjenza u għarfien dwar l-importanza tax-xogħol tal-membri tal-entitajiet imsemmija, flimkien mal-perikli li dawn jaffaċċjaw ta' kuljum.

Ngħiduha kif inhi, mhux xi sigriet jekk nammettu li l-każ ta' Simon kien strumentali biex in-nies bdew japprezzaw xi ftit iżjed ix-xogħol li nagħmlu aħna u ġew konxji tal-perikli li ta' kuljum insibu ruħna fihom. Għall-grazzja t'Alla dawn il-każijiet ma jiġrux kuljum u għalhekk huwa tajjeb li wieħed dejjem jibqa' jqajjem il-kuxjenza dwar is-suġġett u mhux biss nistennew li jiġri xi ħaġa gravi, biex napprezzaw.

Il-fundazzjoni għandha l-pjan ukoll li torganizza kampanji flimkien mal-Bank Nazzjonali tad-Demm sabiex tisħaq fuq l-importanza tad-donaturi tad-demm, sabiex ir-riserva tal-bank tkun dejjem adekwata s-sena kollha. Simon spjegali li l-fundazzjoni diġà bdiet torganizza numru ta' attivitajiet, inkluż *Bike Ride* b'kollaborazzjoni mal-*Blue Beacon Bikers*, bil-fondi kollha jmorru għall-fundazzjoni.

U kif konna qed nitkellmu fuq il-fondi, Simon stqarr li l-ewwel fondi li bdiet bihom din il-fundazzjoni, kien propja dawk il-flus kollha li nġabru spontanjament għalih waqt li hu kien l-isptar. Simon qalli li ġaladarba huwa ġie mwiegħed u ngħata mill-Istat l-għajnuna kollha li kellu bżonn, ħass li ma jkunx xieraq li jżomm dawk il-flus miġbura u għalhekk dawn marru kollha biex inbdiet din il-fundazzjoni. Ġest, li f'dinja li jkollna nammettu qed issir kulma jmur iżjed egoista, inissillek tama. Tama li għad hawn min anke fl-agħar żmien ta' ħajtu, kapaċi ma jkunx egoist imma jaħseb f'ħaddieħor. Simon qalilna li kull darba li kellu l-opportunità, saħansitra mal-President u mal-Prim Ministru, dejjem għamel l-enfasi li l-Pulizija għandhom ikollhom *insurance*, għax, "Ix-xogħol tal-Pulizija huwa perikoluż, anke jekk minn barra ma jidhirx daqshekk perikoluż, ix-xogħol tagħna huwa perikoluż ħafna. Ħadtilhom rashom ngħidilhom fuq il-bżonn li jkollna *insurance*".

Staqsejt lil Simon jekk iħossux li sar personalità u jekk din hekk insejħulha popolarità, hux qed taffettwah. Qalilna li hu persuna mistħi u li x'aktarx f'ħajtu kollha ma ħax ritratti daqskemm ħa f'dawn l-aħħar xhur. Saħansitra waqt li kien qed jisma' quddies mal-familja ġewwa knisja f'Għawdex, il-qassis li kien qed iqaddes għarfu u sejjaħlu fuq l-artal biex jindirizza lin-nies preżenti.

Tlabt lil Simon jgħaddi messaġġ lil Pulizija u t-tweġiba kienet:
"Bieb jingħalaq u mija jinfetħu, taqtgħux qalbkom, ix-xogħol tagħna huwa sabiħ. Toqogħdux tiġu influwenzati minn affarijiet negattivi li ġraw jew li tiltaqgħu magħhom, għax fl-aħħar mill-aħħar aħna uniti bħala familja u l-familja tagħna hija sabiħa ħafna. Ibżgħu għax-xogħol tagħkom u moħħkom hemm dejjem. Tinsewx li għandkom familja d-dar lejn xiex tridu tmorru, għax isbaħ mill-familja tad-dar m'hemmx."

Simon għalaq billi qalilna, "Nirringrazzja minn qalbi lill-Kummissarju, għax is-sapport li rajt min-naħa tiegħu, mhux biss bħala Kummissarju imma wkoll bħala uman, kien kbir. Kien jiġi jarani kull tlett ijiem u dak il-ġest jien napprezzah immens."




BLUE LIGHT
The Simon Schembri
Blue Light Foundation
Inaugurated by
H.E. Marie Louise Coleiro Preca
The President of Malta


Simon Schembri
BLUE LIGHT
FOUNDATION



Elise Attard - 5 snin
Jacob Attard - 7 snin




Matthias Mangion
5 snin

Dawk il-membri tal-Korp li għandhom it-tfal u jixtiequ jagħtu s-sehem tagħhom f'din il-paġna, permezz ta' kitba jew tpinġija relatata mal-Korp tal-Pulizija, jistgħu jagħmlu dan billi jagħmlu kuntatt mal-Bord Editorjali fuq magazine.police@gov.mt

# Il-*Malta Police General Fund* u r-Rendikont Finanzjarju għas-sena 2017

minn Clive Borg, skrivan mal-Kap Eżekuttiv tal-Korp tal-Pulizija

Dan l-artiklu huwa intiż biex jagħti daqqa t'għajn lejn l-andament tal-*Malta Police General Fund* (MPGF) matul is-sena 2017.

Il-MPGF ġie mwaqqaf fl-1919, jiġifieri s-sena d-dieħla jagħlaq mitt sena. Huwa amministrat mill-Kummissarju tal-Pulizija. Il-Kumitat magħmul mill-Kummissarju tal-Pulizija, il-Kap Eżekuttiv, iż-żewġ deputati kummissarji, surġent, skrivan, u rappreżentant kull wieħed mill-POU-GWU, MPU u l-MARPO jservi ta' pjattaforma għad-diskussjoni u konsultazzjoni dwar l-amministrazzjoni tal-MPGF. Kull sena jitħejjew il-*final accounts* tal-MPGF. Dawn jintbagħtu lill-Awditur Ġenerali għall-verifika. L-*Income and Expenditure Account* (IEA) tal-MPGF jiġi ppubblikat u analizzat f'dan il-magażin għall-beneficċju tal-qarrejja.

Il-figuri tal-IEA tal-MPGF huma bbażati fuq il-*cash basis* u mhux fuq l-*accrual basis*. Fi kliem ieħor, il-figuri fl-IEA juru biss id-dħul u l-ħruġ li saru matul is-sena, f'dan il-każ matul l-2017, u jinjoraw il-bilanċi ta' dawn fil-bidu u fit-tmiem tal-istess sena. Għalhekk meta wieħed iqabbel l-andament ta' dan ir-rendikont bejn sena u oħra jrid jiftakar f'din il-limitazzjoni.

Matul is-sena 2017, id-dħul kien aktar mill-ħruġ, jiġifieri kien hemm *surplus* fl-IEA. Dan is-*surplus* kien jammonta għal €20,594.72ċ. Id-dħul prinċipali tal-IEA kien mill-kontribuzzjonijiet tal-membri tal-Korp tal-Pulizija, €106,528.56ċ, li minnhom €88,127.34ċ kienu għas-sena 2017. Kull membru jikkontribwixxi €13.98ċ kull tliet xhur, iżda l-fizzjali għandhom rata ogħla. Id-differenza bejn din l-aħħar rata u dik ta' €13.98ċ tgħaddi regolarment lill-*Officers Mess Committee*. Kien hemm ukoll dħul ta' €11,961.08ċ mill-membri rtirati.

L-IEA rċieva donazzjonijiet matul l-2017 ta' €15 mill-Mużew tal-Pulizija u ta €100 mill-*Welfare Sub Committee*. Il-bejgħ li sar mill-Mużew kien ta' €220. B'hekk it-total tad-dħul fl-IEA fl-2017 kien ta' €118,824.64ċ.

Minn naħa l-oħra, kien hemm ħruġ ta' €98,229.92ċ matul l-2017. Bħas-snin ta' qabel, l-ikbar ħruġ, dak ta' €43,498.78ċ sar fuq l-attivitajiet soċjali, inkluż dawk tal-Milied, organizzati mill-Pulizija. Somma sostanzjali oħra, li laħqet it-€30,000 fl-2017 marret għall-eredi tal-pulizija rtirati waqt li €11,774.18ċ ingħataw lill-eredi tal-membri li mietu waqt li kienu għadhom fis-servizz. Il-Kummissarju jikkontribwixxi €6.99ċ lil kull membru tal-Korp biex jiġu organizzati r-riċevimenti tal-Milied. Sal-aħħar tas-sena kienu ħarġu €5,766.75ċ għal dan il-għan. Kif ġie spjegat hawn fuq, id-differenza fir-rata tal-kontribuzzjoni tal-fizzjali trid tgħaddi lill-*Malta Police Officers Mess Committee*. Matul l-2017, dan il-kumitat rċieva €3,706.08ċ mill-IEA.

L-ispejjeż l-oħra kienu jikkonsistu f'€2,159.04ċ f'*allowances* lill-uffiċjali inkarigati fil-ġbir tal-kontribuzzjonijiet u ż-żamma tal-*accounting records*; €230 fi spejjeż biex jiġu organizzati attivitajiet għall-karità; €15 fi spejjeż bankarji u €1,080.09ċ fuq il-*Passing Out Parade* li saret fl-okkażjoni tar-rekluti ġodda mal-Korp.

Bis-sistema tad-*Direct Debit*, applikata sabiex tassigura aktar effiċjenza fil-ġbir tal-kontribuzzjonijiet tal-membri tal-Korp, flimkien ma' miżuri oħra biex jiġi kkontrollat il-ħruġ, l- IEA tal-MPGF għandu jkun aktar sostenibbli u b'hekk jibqa' mantenut is-*surplus*. Huwa fl-interess ta' kull min jikkontribwixxi għall-fond, li jara serjetà fl-amministrazzjoni tiegħu. Din biss tista' tiggarantixxi s-serħan tal-moħħ li l-fondi qegħdin jintużaw purament għall-beneficċju tal-kontributuri.

Estratt mill-*Final Accounts* tal-*Malta Police Fund* għas-sena 2017.

## Income and Expenditure Account for the year ended 31 December 2017

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Income** | | | |
| Contribution by Serving Members | (2) | | €106,528.56 |
| Contribution by Pensioners (Retired Members) | (3) | | €11,961.08 |
| Donations | (4) | | €115.00 |
| Other Deposits | (5) | | €220.00 |
| **Total Income for the year** | | | **€118,824.64** |
| **Expenditure** | | | |
| Payments to the heirs of non-Serving Members (Mutu | (6) | €30,000.00 | |
| Payments to the heirs of Serving Members (Mutual He | (7) | €11,774.18 | |
| Contribution by Commissioner of Police for Christmas | (8) | €5,766.75 | |
| Payment made to the Malta Police Officers' Mess Com | (9) | €3,706.08 | |
| Christmas and Police Day Social Activities | (10) | €43,498.78 | |
| Emoluments | (11) | €2,159.04 | |
| Fund Raising Activities | (12) | €230.00 | |
| Bank Charges | (13) | €15.00 | |
| Special Occassions | (14) | €1,080.09 | |
| **Total Expenditure for the year** | | | **€98,229.92** |
| **Net surplus for the year** | | | **€20,594.72** |

## Cash Movement for the year ended 31 December 2017

| | | |
|---|---|---|
| Opening cash balance at bank as at 1 January 2017 | | €72,509.71 |
| Cash movements during the year | | €20,594.72 |
| Closing cash balance at bank as at 31 December 2017 | (1) | **€93,104.43** |

magazine.police@gov.mt

# INTENTIONALLY LEFT BLANK

# Il-piż tal-iżvilupp meqjus

minn Dr. Anthony Licari, Lettur Universitarju fil-Lingwistika u x-Xjenzi Umani, Interpretu u Traduttur bi speċjalizzazzjoni fil-lingwa Franċiża

Xi żmien ilu, Prim Imħallef Emeritus assoċja s-Saltna tal-Liġi mal-libertà tal-passaġġ taċ-ċittadini fuq bankini u postijiet simili. Dan kemm fejn jidħlu *pushchairs*, kif ukoll siġġijiet tar-roti u saħansitra persuni għaddejjin għall-affari tagħhom.

Għaliex minn tant affarijiet li jidhru ta' importanza ikbar, il-Prim Imħallef Emeritus għażel li jsemmi l-bankini? Xi wħud ħasbu li mħallef iktar jistennew li jitkellem dwar filosofija legali, ideoloġija soċjolegali, jew riformi legali li l-pajjiż jixtieq jara.

Fil-fatt, jien kont pożittivament sorpriż li l-Imħallef tkellem dwar il-libertà assoċjata mal-bankini. Dan għaliex hu rabat il-libertà fil-pajjiż mal-libertà tal-moviment sempliċi ta' kull ċittadin fil-ħajja ta' kuljum tiegħu. Il-loġika evidenti hawnhekk hi li, jekk timblokka parti mil-libertà tal-moviment taċ-ċittadin, tkun qed tirristrinġi parti mid-dritt tiegħu.

L-opinjoni espressa mill-Imħallef ilha żmien twil espressa minn ħafna ċittadini fil-midja ta' kuljum. Iżda l-Imħallef taha dimensjoni ikbar, liema dimensjoni jien kemm-il darba ktibt dwarha, waqt li s-soċjetà ma tathiex importanza biżżejjed.

L-iżvilupp fil-pajjiż hu bżonnjuż għall-ħolqien tax-xogħol infrastrutturali u ieħor, kif ukoll mal-impjiegi. Sa hawnhekk, kollox sew. Allura l-iżvilupp hu bżonnjuż għal diversi tipi ta' titjib fil-pajjiż.

Jien inħobb inkejjel kull azzjoni bil-kejl tal-*accountants*, ċioè tali azzjoni kemm se tagħti riżultati pożittivi u negattivi? Ħalli nibda mill-eżempju tal-Imħallef. Il-bankini mhumiex qegħdin biex iżejnu t-triq. Huma sors ta' protezzjoni taċ-ċittadin fil-movimenti tiegħu mill-vetturi li jgħaddu mit-toroq, kif ukoll mill-ilmijiet tax-xita li jinġemgħu, u meta jiżżersqu matul it-toroq. Mela jekk inti b'xi mod tostakola l-bankini, ma tkunx sempliċement qiegħed tfixkel il-passaġġ tan-nies, iżda saħansitra tipperikolalhom saħħithom, jekk mhux ukoll ħajjithom, meta tobbligahom jimxu fit-triq maġenb u fost il-karozzi. Il-konsegwenzi ta' inċident fejn persuni - speċjalment jekk vulnerabbli bħall-anzjani, ġenituri bil-*pushchairs*, tfal u nies b'diżabilità – huma enormi.

Ħalli nibdew minn ostakolu sempliċi tal-bankini. Dan jikkonsisti f'nies weqfin jitkellmu matul il-wisgħa tal-bankina, qishom kif ġieli ngħidu, il-bankina ħallitielhom in-nanna. (Ma nafx għaliex rari ngħidu li xi ħaġa tħalliet minn nannu, forsi għaliex in-nanniet irġiel ifaddlu inqas u jħallu inqas wirt?).

Ġieli tara wkoll grupp ta' passiġġieri fuq bankina jistennew karrozza tal-linja, qisha l-bankina saret biss bħala *waiting room* jew *departure lounge* bħal tal-ajruporti qabel jibdew il-vjaġġ.

Ġieli rajt nies jattendu xi seminar u, waqt il-*break*, joħorġu barra l-istabbiliment bil-gzuz fuq il-bankina jparlaw. Tiskantax li s-seminar li jkunu qegħdin jattendu jkun fuq iċ-ċivilizzazzjoni, waqt li jkunu qegħdin ironikament jattakkaw iċ-ċivilizzazzjoni billi jostakolaw il-bankini u jipperikolaw lill-*pedestrians*! (Hemm min jixtieq jirrendi l-kelma 'pedestrians' bil-Malti bħala 'peduni' mit-Taljan 'pedoni' imma din kelma ambigwa.)

Spiss rajt ukoll, quddiem skejjel tal-Ingliż, folol ta' studenti barranin jiċċaċċraw fuq il-bankini quddiem l-iskola tagħhom. Ġieli staqsejt lil hekk imsejħa 'student leaders' tagħhom jekk il-manjieri humiex iktar importanti mil-lingwa Ingliża u qaluli: "Pardon?" b'mod skantat.

L-iżvilupp iġib miegħu wkoll tkabbir tal-istabbilimenti tal-ikel u oħrajn. Bil-Malti nħobbu ngħidu dwar xi bniedem tost: "Mis-suba' jieħu l-id" aktar b'rabta ma' xi namrat li minn inizjalment timidu, jibda jsir iktar avventuruż. L-istabbilimenti tal-ikel aktarx mhumiex interessati li mis-suba' jieħdu l-id, iżda ħafna minnhom ma jiddejqu xejn ipoġġulek siġġu illegalment fuq bankina u, wara ftit żmien, is-siġġu jsir għaxar imwejjed u erbgħin siġġu – jekk mhux ukoll bi sfond mużikali għoli bħal *mini-disco* anarkiku!

U eżattament għal dan kien qiegħed jgħid il-Prim Imħallef Emeritu b'rabta mas-saltna tal-liġi. Il-Franċiżi għandom espressjoni 'laissez faire' ċioè tagħlaq għajnejk u widnejk imqar jekk taf li hemm irregolarità. Dwar l-abbużi tal-istabbilimenti tal-ikel, is-sodod u l-pultruni fuq ix-xtajta, l-hekk imsejjaħ 'foresore', mużika fuq ix-xtajta eċċ, ġieli kkorrispondejt mal-Kap tal-Awtorità tat-Turiżmu lokali li tani risposta għal ċerti domandi waqt li wegħedni risposta għal domandi oħrajn li fuqhom għadda ċertu żmien mhux ħażin u r-risposti ma waslux b'mod dinamiku peress li forsi l-mistoqsijiet tiegħi kienu wisq numerużi.

Nemmen li l-invażjoni tal-bankini u postijiet pubbliċi oħra hi verament tip ta' anarkija li tirriżulta mill-iżvilupp ewforiku. U għalhekk użajt it-titlu, 'Il-Piż tal-Iżvilupp Meqjus'. Għaliex, jekk l-iżvilupp iġib miegħu biss riżultati pożittivi, merħba bih. Iżda jekk ir-riżultati pożittivi jkunu inferjuri għal dawk negattivi, l-iżvilupp ma jkunx *val la pena*.

Allura, jekk l-iżvilupp inqisuh bil-kejl tal-*accountants*, ċioè bil-'profit and loss', ma rridux li jiddispjaċina li t-telf ikun ikbar mill-qligħ. F'dan il-każ ikollna raġun ngħidu li l-iżvilupp anarkiku jfixkel is-Saltna tal-Liġi.

anthonyl@maltanet.net

**MCCA ADVERT**

# Spazji Siguri: Minħabba li s-sigurtà hi dmir kulħadd

mill-Ispettur Pierguido Saliba - Taqsima tat-Traffiku

Sfortunatament sar wisq komuni li nisimgħu li kien hemm inċidenti fuq il-post tax-xogħol u ħafna drabi nilmentaw li ħaddieħor ma kienx attent. Biss iktar iva milli le, ninsew li kulħadd għandu d-dmir li jassigura li bħala ħaddiema nikkontribwixxu ħalli l-post tax-xogħol tagħna ikun iktar sigur. Bħala Pulizija nsibu li l-post tax-xogħol ivarja minn lokazzjoni għal oħra u dan peress li filli qed naħdmu f'post u filli f'ieħor, skont l-esiġenzi tas-servizz.

It-triq hija waħda mill-iktar lokazzjonijiet komuni fejn ninstabu li qed ikollna nirrikorru u dan minħabba raġunijiet varji, minn *traffic point* għal preżervazzjoni ta' xena ta' delitt, minn kontroll tat-traffiku għal waqfien ta' vetturi sabiex nirrappurtaw lil min ikun kiser xi dispożizzjoni ta' liġi jew sabiex nipprevjenu inċidenti. F'dan l-artikolu ser jiġu ttrattati numru ta' punti li huma essenzjali ħalli nnaqqsu r-riskji li nkunu esposti għalihom, ħalli flimkien innaqqsu l-inċidenti fit-triq u sussegwentament fuq il-post tax-xogħol tagħna.

Dak li japplika fit-triq jista' jiġi użat ukoll f'postijiet oħra u bħala Pulizija għandna wkoll id-dmir li bejnietna kif ukoll ma' qraba u ħbieb permezz ta' għarfien u tixrid ta' kuxjenza nnaqqsu l-inċidenti kullimkien. L-ewwel punt li nixtieq insemmi huwa dak li f'dan l-ambitu huwa magħruf bħala s-sisien li fuqu jinbnew il-miżuri kollha tas-sigurtà. Dan il-kunċett huwa magħruf bħala *situational awareness* u dan jiġi definit bħala l-istat fejn wieħed jew waħda jkunu attenti għal informazzjoni ġejja mill-ambjent ta' madwarna. Dan il-kunċett huwa maqsum fi tliet elementi li jibnu wieħed fuq l-ieħor. Biex dan l-istat jiġi milħuq, wieħed l-ewwel irid jifhem illi l-perċezzjoni ta' dak li qed jiġi osservat huwa differenti minn bniedem għal ieħor, għaldaqstant irid isir sforz sabiex jiġi miftiehem eżattament x'qed jiġi osservat u b'dan l-għarfien ikun jista' jiġi proġettat xenarju ta' dak li jista' jiżviluppa minn dik is-sitwazzjoni. Huwa biss meta jsir dan il-proċess illi jistgħu jittieħdu l-prekawzjonijiet meħtieġa.



Mingħajr ma nallarmaw iżżejjed, huwa minnu li mhux kull sitwazzjoni hija perikoluża u huwa speċifikament mill-proċess ta' *situational awareness* illi wieħed jew waħda jistgħu jidentifikaw ir-riskji potenzjali li hemm bżonn azzjoni fuqhom. Biss x'għandu jsir meta hemm bżonn ta' tali azzjoni? It-tweġiba tieħu l-forma tal-proċess illi jmiss, fejn trid issir analiżi tas-sitwazzjoni, jiġu identifikati l-konsegwenzi potenzjali, minn hemm jiġi miżun il-probabilità li tiġri dik il-konsegwenza li twassal għal ħsieb fuq il-kwantifikazzjoni tal-impatt li tali riskju jista' jkollu u sussegwentament tiġi maħsuba strateġija li ssolvi jew tnaqqas dak ir-riskju, għax huwa magħruf illi mhux ir-riskji kollha jistgħu jiġu eliminati.



Imma x'inhi s-sigurtà? Is-sigurtà mhix dak li għamilna, imma dak li qed nagħmlu. Is-sigurtà tista' tkun personali jew ambjentali, għalina jew għal ħaddieħor. L-element personali jista' jieħu l-forma ta' lbies protettiv bħal elmu tal-motoċiklisti jew ilbies u ekwipaġġament adattat għas-sitwazzjoni, pereżempju ġagaga *high visibility* jew torċ. Tista' tieħu saħansitra l-forma ta' spazju personali, bħal meta nħallu tul ta' drigħ meta nkellmu persuna li jkun riskjuż għas-saħħa tagħna.

L-element ambjentali jerġa' jinqasam fi tnejn; siti predefiniti u dawk hekk imsejħa aċċidentali. Siti definiti jkunu protetti b'dak li huwa magħruf bħala difiża infrastrutturali u dan jista' jiġi spjegat b'eżempju ta' bank tal-għassa li jkun mgħammar b'*perspex* li joħloq barriera fiżika bejn il-klijent u l-Pulizija, imma fl-istess ħin ma jtellifx fil-komunikazzjoni bejn il-partijiet. Siti aċċidentali huma dawk il-postijiet fejn ikollna nirrikorru sabiex nagħmlu xogħolna u li ma kellniex ċans li npoġġu miżuri ta' prekawzjoni ta' difiża infrastrutturali. It-triq hija waħda minn dawn is-siti. F'dawn il-postijiet irid jinħoloq spazju b'riskji mnaqqsa billi nkunu attenti fuq il-pożizzjoni tagħna kif ukoll illi nkunu konxji mill-perimetru li nkunu qed naħdmu fih.

Wieħed jew waħda jistgħu jsaqsu x'inhuma dawk il-miżuri li jistgħu jittieħdu f'siti aċċidentali b'perspettiva ta' sigurtà ambjentali. Hawn inweġibhom li hemm seba' passi f'dak li jista' jsir. L-ewwel pass huwa dak fejn ninfurmaw lil ħaddieħor li hemm din it-tip ta' sitwazzjoni li ħa ninstabu fiha, inkomplu billi noħolqu perimetru definit u b'dan insaħħu z-zona ta' sigurtà li ħa noħolqu sabiex naħdmu ġo fiha. Ġaladarba ħloqna dik iz-zona, irridu niġbdu l-attenzjoni lejha billi fost l-oħrajn nużaw il-vetturi u l-*beacon lights* tagħhom. Ma nistgħux nistrieħu fuq ix-xogħol tajjeb li jkun sar f'dan l-ambitu billi kontinwament nibqgħu nġeddu l-proċess ta' *situational awareness* u jrid ikollna pjan ta' kontinġenza kemm-il darba dawk il-miżuri li ħadna ma kinux biżżejjed jew jisfaxxaw fix-xejn.

Ma nistax ma nsemmix problemi u nuqqasijiet komuni fejn jidħol il-kunċett ta' spazji siguri. Primarjament fost dawn, huwa n-nuqqas ta' *situational awareness*, segwit viċin milli nieħdu r-riskji b'mod ħafif; il-misħuta mentalità ta', "u iva" jew "qatt ma ġrali xejn!". Ma rridux ninsew li problemi dejjem joħorġu minn nuqqas ta' preparamenti u li wieħed jew waħda ma kellhomx l-ekwipaġġjament jew ilbies fi stat tajjeb ta' manutenzjoni. Nuqqasijiet fix-xeni jew fis-siti li naħdmu fihom ukoll huma ta' perikolu u ma rridux ninsew ir-riskji li noħolqu meta nieħdu t-triq ħafifa u naqtgħu għad-dritt (shortcuts) fejn jidħlu l-miżuri u l-proċeduri ta' saħħa u sigurtà.

Dan l-artikolu jasal fit-tmiem tiegħu billi nsemmi li hemm numru ta' miżuri ta' sigurtà li joħorġu wkoll mill-ħiliet interpersonali tagħna u dawn huma l-etikett bejnietna u mal-klijenti tagħna, li nżommu dejjem l-etika professjonali, li jkun hemm għarfien ta' x'inhu xogħolna u ta' kif nwettqu dmirna. Dawn il-miżuri jkomplu billi nitgħallmu nkunu assertivi, ikollna ħiliet ta' komunikazzjoni tajba u ħiliet ta' riżoluzzjoni ta' konflitt.



Intemm billi nisħaq illi għalkemm ix-xogħol tagħna fih ċertu elementi ta' perikolu, dawn ħafna drabi jistgħu jiġu mitigati billi nżommu stat kontinwu ta' *situational awareness* u li nieħdu l-prekawzjonijiet meħtieġa kemm dawk personali u dawk ambjentali u li nsaħħu kollox bil-ħiliet interpersonali tagħna. Is-sigurtà hija dmir ta' kulħadd, tagħna wkoll u niftakru dejjem illi ż-żamma ta' spazji siguri mhix biss għall-benefiċċju tagħna imma wkoll għal dawk ta' madwarna kif ukoll il-ħbieb u l-familjari tagħna li jridu jgawduna.

pierguido.saliba@gov.mt

MPSC
MALTA POLICE SPORT COMMITTEE

# Avvenimenti u Informazzjoni

## Scuba Diving Event

Nhar it-3 ta' Settembru, l-MPSC organizza għall-ewwel darba *Scuba Diving Event*, ġewwa Qui-si-Sana, Sliema. Bl-għajnuna tal-kumpanija Dive Shack, din l-attività setgħet tlaqqa' diversi parteċipanti li kienu mħallta bejn min qatt ma kien ħa sehem u dawk li kienu diġà esperjenzaw din l-attività. Ta' min jgħid ukoll li kienet l-ewwel tip ta' attività li fiha kienu mistiedna membri mhux biss tal-Korp, imma anke xi qraba jew familjari.

Bis-superviżjoni ta' *instructors* ta' esperjenza, il-parteċipanti ġew maqsuma fi gruppi ta' 4 minn nies u wara illi ngħataw taħriġ bażiku, ingħata bidu għal



din l-esperjenza ferm sabiħa fejn wieħed jista' jgħid illi tassew hija dinja oħra.
Wara li l-parteċipanti wrew pjaċir kbir b'din l-attività, il-Kumitat jittama li attività bħal din terġa' ssir 'il quddiem.

## MDH Tournament

Nhar it-8 ta' Settembru, ġewwa l-Kumpless Sportiv fil-Kottonera, ġie organizzat MDH *Volleyball Tournament* fejn it-Tim tal-*Volleyball* tal-Pulizija ħa sehem fih. Il-Kumitat Sportiv dejjem jipprova jippromwovi dixxiplini oħrajn ta' sport fejn il-membri jistgħu jipparteċipaw, u din kienet okkażjoni tajba sabiex dan seta' jseħħ. Dan it-*tournament* kien magħmul minn diversi timijiet u t-Tim tal-Pulizija ġie fi grupp magħmul minn 6 timijiet fejn l-ewwel 3 biss jgħaddu. Il-punti kienu maqsuma skont ir-rebħ tal-*frames*.

Ta' min jgħid illi t-Tim tal-Pulizija rebaħ 3 *sets* kontra 3 timijiet differenti u b'hekk kellhom total ta' 3 punti iżda ma kienx biżżejjed biex jgħaddu għall-fażi ta' wara. Ta' min wieħed isemmi li dan it-tim m'ilux wisq li fforma, u għaldaqstant ma tantx kellu żmien sabiex jipprepara għal dan it-*tournament*. It-Tim kien magħmul minn : SM860 Keith Caruana, PC1249 Ruben Cassar, PC306 Trevor Grech, PC1361 Brian Magri, PC1404 Dale Cassar, PC1331 Darren Debattista, WPS280 Louise Busuttil u WPS 293 Michelle Camilleri.

## DHL Plane Pull

Għar-raba' sena, il-kumpanija DHL organizzat l-avveniment tal-*Plane Pull*, b'risq Puttinu Cares, fejn membri tal-Korp kienu mistiedna biex jagħtu sehemhom billi jiġbdu ajruplan tat-tip Boeing 757 għal tul ta' għoxrin metru fl-anqas ħin possibbli. L-għan ta' dan l-avveniment kien li jinġabru fondi sabiex jingħataw lil Puttinu Cares fejn din is-sena nġabret is-somma sabiħa ta' €685. Kienu 40 membru tal-Korp illi nqasmu f'żewġ gruppi li taw bidu għal din l-isfida ferm interessanti kif ukoll impenjattiva. Minn hawn, il-Kumitat Sportiv jixtieq jirringrazzja lil kull min ħa sehem sabiex tingħata l-għajnuna



## MESA European Sports Week

Il-*Malta Employees Sports Association* (MESA), organizzat diversi attivitajiet fl-aħħar ġimgħa ta' Settembru, b'risq il-*European Week of Sports*. Il-Korp tal-Pulizija ħa sehem fil-kategoriji msemmija: *Football Over 35, Bowling, Volleyball* u Darts.

**Football Over 35**: It-Tim tal-*Over 35* ipparteċipa f'*one day tournament* li seħħ ġewwa l-futbol grawnd tal-Għargħur fejn is-6 timijiet li pparteċipaw ġew maqsuma f'żewġ gruppi. It-Tim tal-Pulizija ġie flimkien mal-AFM u mal-*Education*. Ir-riżultati kienu Pulizija vs Education 1-1, u Pulizija vs AFM 1-2. B'hekk peress li għaddew l-ewwel 2 timijiet, it-Tim tal-Pulizija ġie eliminat mill-ewwel. Minn hawn il-Kumitat Sportiv jixtieq jirringrazzja lill-membri li ħadu sehem, ċioè lil PS794 Gilbert Lia, PS121 Josef Vassallo, PS3 Kevin Grima, PS492 Melchior Micallef, PS286 Thomas Attard, PS1238 Clive Brimmer, PC582 Oliver Magri, u PC432 Sandro Mamo. Wieħed jittama li jkollna wirjiet aħjar sabiex inkunu nistgħu naslu aktar 'il quddiem f'dawn l-attivitajiet.

**Bowling:** It-Tim tal-*Bowling* tal-Pulizija li fforma ruħu reċentament ipparteċipa f'avveniment li seħħ ġewwa l-Eden Bowling Arena, ġewwa San Ġiljan. It-tim, li kien magħmul minn 3 membri, ċioè PS845 Ian Vella, PS1122 Arthur Rizzo u PS492 Melchior Micallef lagħbu f'*team match*, fejn kull tim li pparteċipa kellu jgħaqqad l-aktar ammont ta' punti sabiex jgħaddi għall-fażi finali. It-timijiet kienu: BOV 1, BOV 2, MIA, Pulizija, u Transport Malta.

Ta' min jgħid li minn dawn it-timijiet, hemm minnhom li jippartecipaw fil-*league* lokali b'mod regolari u infatti ż-żewġ timijiet li għaddew għall-fażi finali kienu MIA u BOV 1. L-ammont totali ta' punti li tella' t-Tim tal-Pulizija kien dak ta' 1030 punt fejn it-timijiet li għaddew għall-fażi finali tellgħu punti ta' 1513 u 1372 rispettivament. Minn hawn wieħed jista' jieħu idea tad-differenza li kien hemm. Il-Kumitat jixtieq jirringrazzja lit-Tim tal-Pulizija tal-parteċipazzjoni tagħhom.

**Darts:** *Tournament* individwali tad-darts seħħ ġewwa l-Juventutis Domus, iż-Żejtun. Għal dan it-tournament applikaw biex jieħdu sehem madwar 20 *player* minn diversi entitajiet u dipartimenti, fosthom il-membri tagħna, ċioè PC814 Gordon Stanmore u RPC3065 Vincent Busuttil. Il-*players* inqasmu fi gruppi, u lagħbu kontra xulxin fuq sistema *round robin*, biex l-ewwel tnejn minn kull grupp għaddew għattieni fażi. Il-membri tagħna, li minn hawn wieħed jixtieq jirringrazzjahom tal-parteċipazzjoni tagħhom, għamlu l-almu tagħhom iżda PC814 G. Stanmore nqala' mal-ewwel *round* filwaqt li RPC3065 V. Busuttil inqala' fil-kwarti tal-finali.

***Volleyball***: It-Tim tal-*Volleyball* tal-Pulizija rebaħ it-*tournament* li seħħ ġewwa l-Kumpless Sportiv tal-Kottonera, billi għeleb it-tims tal-AFM U MDH bl-iskors ta' 2-1 u 2-0 rispettivament. Ta' min jgħid li dan it-tim m'ilux wisq li fforma ruħu u fi ftit żmien, u b'daqsxejn dedikazzjoni wasal sabiex rebaħ l-ewwel unur. Il-Kumitat Sportiv jifraħ lill-membri li jiffurmaw dan it-tim, ċioè 2nd SM860 Keith Caruana, PC1249 Ruben Cassar, WPS280 Louise Busuttil, WPC398 Shanna Grech, PC1404 Dale Cassar, PC306 Trevor Grech, PC1331 Darren Debattista, PS4 Andy Bellia u PC1361 Brian Magri.



***Football***:
Il-Finali ta' din is-sena kienet ripetizzjoni tas-sena l-oħra iżda b'rebbieħ differenti. L-SIU rnexxielhom jgħollu t-tazza u x-*shield* b'rebħa kuraġġuża ta' 3-1 fuq ir-rivali u kollegi ġirien tagħhom ir-RIU. Kienet logħba ferm ibbilanċjata u żgur li ħadd ma ġera b'ħadd. Ta' min jgħid ukoll li dawn iż-żewġ timijiet iltaqgħu wkoll fil-fażi tal-gruppi fejn ħareġ rebbieħ it-Tim tar-RIU bl-istess skor ta' 3-1.





Fit-tielet post ġie t-tim iffurmat ġdid għall-ewwel darba tal-CTU/VICE fejn fl-opinjoni ta' ħafna kienet disfatta li ma rebħux it-*tournament* minħabba li kien kompost minn 5 *players* li jilagħbu futbol regolari u ta' esperjenza iżda l-logħba tal-ballun għalhekk hi sabiħa għax toffri s-sorpriżi u eżempju ta' dan kien it-tim li ġie fir-raba' post ċioè dak tat-Taqsima tal-Klieb. Ir-riżultat ta' din il-logħba kien dak ta' 11-1 favur il-CTU/VICE u permezz ta' dan ir-riżultat ħareġ ir-rebbieħ tal-aqwa *scorer* li hu PC123 Roderick Vassallo li sab ix-xibka 20 darba tul it-*tournament* kollu. Qegħdin ninnutaw li sfortunatament din il-logħba mhux qiegħda tiġi apprezzata minn ħafna timijiet u dan mhux din is-sena biss iżda anke fl-imgħoddi fejn saħansitra kellna timijiet li ma ġewx sabiex jilagħbu u spiċċaw taw *walk over* lit-tim avversarju.
Din is-sena 23 tim ipparteċipaw għal dan it-*tournament*. Kien hemm nuqqas ta' xi timijiet fosthom mill-10 u mill-1 distrett fejn dawn tal-aħħar għall-ewwel kienu ġejjin iżda għal xi raġuni ma rnexxilhomx jgħaqqdu tim u spiċċaw ma niżlux għal-logħob b'konsegwenza li kien hemm 3 *walk overs*. Ukoll kien hemm it-tim tal-NS-SIS li kellhom jagħtu *walk over* fil-kwarti tal-finali minħabba li ma tħallewx jiġu għal-logħob minħabba raġunijiet ta' xogħol. Huwa minnu li x-xogħol jiġi qabel kollox iżda sfortunatament fejn jidħol sports, ċertu uffiċjali ma jagħtux importanza daqskemm hemm bżonn.




Nixtieq f'isem il-Kumitat Sportiv tal-Pulizija nirringrazzja lil kull min kien ta' għajnuna sabiex dan it-*tournament* ikun ta' suċċess fosthom il-Kummissarju s-Sur Lawrence Cutajar li wkoll għoġbu jonorana bil-preżenza tiegħu fl-għoti tal-premjazzjoni fil-finali, lil Pietà Football Club li għal darb'oħra offrielna l-grawnd mingħajr ħlas u lil kull parteċipant li ħa sehem.
Grazzi u niltaqgħu sena oħra!



# AWGURI

Il-Membri tal-Kumitat Sportiv jieħdu l-opportunità li jagħtu x-xewqat sbieħ ta' Milied Hieni u Sena Aħjar, lil kull membru tal-Korp kif ukoll lill-familjari tagħhom, li tant u tant jagħmlu sagrifiċċji tul is-sena kollha.

# Ix-xogħol tal-Pulizija waqt żmien il-festi

Employee Support Programme Unit

Dawn iż-żminijiet ta' festi u ċelebrazzjonijiet jistgħu jkunu perjodu ta' prova u sfida għal ħafna, iżda b'mod partikolari għall-uffiċjali tal-pulizija hekk kif jinqabdu bejn l-obbligi tal-familja u l-aspettattivi dipartimentali. Hija r-realtà tax-xogħol tal-pulizija li jaffaċċjaw inċidenti bħal serq, traġedji, inċidenti tat-traffiku, u ġlied fost oħrajn, iżda dawn iċ-ċirkostanzi jinħassu itqal matul dan il-perjodu ta' festi u vaganzi. Għaldaqstant, wieħed jista' jesperjenza emozzjonijiet diffiċli u sentimenti ta' diżappunt, qtigħ il-qalb, irritabilità u ħtija, li huma aktar intensi matul dawn iż-żminijiet.

Waħda mill-aktar sfidi diffiċli li uffiċjali tal-pulizija jaffaċċjaw huwa li jitilfu l-festini tal-familja. Mhuwiex faċli meta tiftakar li f'dawn il-festi int se tqatta' l-ħin tiegħek fuq ix-xogħol, 'il bogħod mill-familja jew min-nies għeżież tiegħek. Kif ukoll, tajjeb li niftakru li anke għall-familjari u l-ħbieb ma tkunx faċli għalihom li jafu li f'dawn il-ġranet rari tkunu kollha miġburin flimkien. Ħafna drabi, tal-familja jkunu lesti li jifhmu u jadattaw għar-realtà tas-sitwazzjoni u għalhekk, tajjeb li wieħed ikun flessibbli kemm jista' jkun. Filwaqt li forsi mhux l-ideal li tiċċelebra dawn il-festi fi ġranet oħra, wieħed jista' jkun kreattiv u jsib modi differenti kif jiċċelebra skont iċ-ċirkustanzi li jkun fihom. Minħabba li ma tkunx tista' tagħmel pjanijiet konkreti minħabba n-natura tax-xogħol, huwa normali li persuna tesperjenza emozzjonijiet negattivi, bħal pereżempju frustrazzjoni, rabja, dwejjaq jew ansjetà. Għaldaqstant, huwa tajjeb li tirrikonoxxi l-emozzjonijiet tiegħek kif ukoll li tikkomunika dawn l-emozzjonijiet mal-familjari jew ħbieb sabiex tevita nuqqas ta' qbil.

Għalhekk huwa tajjeb biex f'dan iż-żmien ta' festi tipprepara lilek innifsek għall-ostakli li jistgħu jinqalgħu fl-aħħar minuta. Għalkemm jista' jkun żmien ta' sfida fuq ix-xogħol, importanti li ma tittraskurax lilek innifsek u lil dawk ta' madwarek biex issib verament x'inhu tassew importanti għalik u ssib modi differenti kif tgawdi dawn iż-żminijiet ta' festi.

Jekk għal xi raġuni personali qed tesperjenza diffikultajiet matul dawn iż-żminijiet, l-*Employee Support Programme* jista' jservi ta' benefiċċju u għajnuna. Pulizija jista' jagħmel appuntament billi jċempel direttament il-*Unit* fuq 2200 1210 jew jibgħat e-mail fuq *esp.opm@gov.mt*. Is-servizz huwa kunfidenzjali u l-impjegati m'għandhomx bżonn permess mingħand is-superjur tagħhom biex jużaw is-servizz wara l-ħin tax-xogħol.

Dan is-servizz jingħata mingħajr ħlas lill-impjegati pubbliċi kollha. Għal iktar informazzjoni żur www.esp.gov.mt.

# International Police Association - Malta

WPS 63 Janet Zammit- National Treasurer

## International Police Association 63rd World Congress 2018, The Netherlands.

The 63rd IPA World Congress was held in Rotterdam, The Netherlands between the 18th and 23rd September 2018. 62 delegations participated out of 66 sections. This year, IPA treasurer Ms Janet Zammit represented Malta.

The 63rd World Congress was held for the third time in the Netherlands but for the first time on board a steamship named SS Rotterdam. The ceremony started in the ship's theatre, where afterwards, the Netherlands and the IPA hymns were played. A tribute was held to the late Secretary General Georgios Katsaropoulos. The International President, Pierre Martin Moulin and Wim Cornelius from Section Netherlands delivered their official speeches. The opening then continued, hosted by Micheal Breathnach, where the participating countries were greeted by songs which were sung by the ex SS Rotterdam sailors themselves! The delegates and observers had to make decorative doilies to wear on top of their police uniform as a Dutch costume to break the ice! A group photo on top of SS Rotterdam followed.

During the week several meetings were held in the Congress Hall. The International Vice President Gal Sharon reported her commission events regarding the First IPA Games, which were held in Lisbon Portugal. The games were participated by a number of IPA members. The next IPA games are to be held in 2020 and will be hosted by Montenegro.

Ms May-Britt Ronnebro delivered a talk, which was of great interest regarding Gimborn and scholarships. The managing direction of IBZ Gimborn, Rene Kauffmann, presented the Gimborn Annual Report to the delegates and observers. Mr Kauffmann also explained that during the year, the castle had suffered extreme damages which costs were quite expensive. Some Sections had also offered Gimborn their financial support.

A financial report was read by International Treasurer, Romain Minny where he presented a statement of the final accounts.




The Netherlands Drugs Squad Section presentated a visual presentation and gave a speech regarding the international organized crime and how this is effecting the World.

At the 2018 World Congress there was the provisional affiliation of Section Kyrgyzstan and Section Columbia which were welcomed to join the big family. Two further countries are currently in affiliation, which are Uzbekistan and the Dominican Republic.

Section Mexico and Section Botswana unfortunately were both suspended from IPA. The delegates voted for expulsion as both sections were in no contact with IPA. The IPA hopes for the future to have back these sections.

A presentation for a Website Award was held during the Congress where a great amount of participating countries won gold and silver awards. Some of the gold website winners are Sections Italy, Spain, Israel, USA, United Kingdom amongst others. The certificates were presented to the participating countries during a gala dinner.



On the last day at Rotterdam, the IPA delegates, observers and visitors were taken on a coach trip to a historic town named Gouda, which is most famous for its Protestant Cathedral as well as its cheese.

Later in the evening a gala dinner was organized by Section Netherlands on board SS Rotterdam.




During the gala dinner the presentation of both awards and certificates ensued. At the gala dinner it is the norm that gifts are presented but this year Section Netherlands decided that no gifts were to be presented from the hosting country, instead each participating country was asked to donate a monetary donation to the 'Stumbling Stones' charity fund.

At the end, the IPA flag was handed over to Section Croatia as it will be hosting the 64th World Congress instead of Section Swaziland for the year 2019.

Special thanks goes to the organizing committee of Section Netherlands for their great organization, hospitality and support during the 63rd World Congress 2018.

Servo per Amikeco.

ipamalta@gmail.com

---

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**

# Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

Sur Kummissarju,

Nixtieq ninqeda b'din l-ittra biex nirringrazzja hafna lil PS 1226 (is-Sur Pulis), PC 640, PC 1594, PC 372 u PC 970, b'mod specjali lil PS1226. Dan ghal pacenzja li ha minhabba li kelli kas li xi hadd laqatli CCTV camera u PS1226 ha nteress, li kemm-il darba cempel lil min kellu jaghtini l-flus tal-kamera, u baqa' sakemm jien hadt dak li hu tieghi.

Grazzi u prosit tax-xoghol kollu li jaghmlu.

3 – 11- 2017

I would like to thank all of you who where involved for saving my life especially to all the police that has assisted me throughout my stay in hospital.

Thanks

Dear Sir

**To thank you for the Police escort during Ta' Pinu Pilgrimage**

On behalf of the Order of Malta, Our Lords the Sick and all those who attended the Order of Malta Annual Pilgrimage to Ta' Pinu Shrine, I wish to thank you and the Police Corps for your sterling service in escorting and assisting our motorcade of coaches and cars in Gozo and at Cirkewwa.

Kindly convey our special thanks to the officers present Mr Jimmy Attard, Mr Felix Sammut and Mr Francis Grima for their help.

With best wishes

Ghaziz Sur Kummissarju,

Qieghda niktiblek din l-ittra sabiex nwassal ir-ringrazzjamenti tieghi u tal-familja dwar il-kaz NPS - Attakk t'Attentat ta stupru ta' nhar il-Hadd 10 ta Dicembru 2017, lil Pulizija tal-ghassa tal-Belt tal-ghajnuna li sibt wara li sfajt attakkata, tal-Kuragg li bdew ituni wara dak il-mument ferm difficli ghalija u kif ukoll ta' l-efficenza fejn wara biss ftit minuti li sar ir-rapport qabdu u arrestaw lill-aggressur.

Nixtieq naghlaq din l-ittra billi nwassal ir-ringrazzjamenti specjali lil:-

| | |
|---|---|
| INSP | Borg, Daryl |
| PC 594 | Saliba, Robert |
| PS 728 | Borg, Brendan John |
| WPS 217 | Formosa, Alison |

Sur Kummissarju,

Minn qalbi nixtieq nirrikmanda lil PC 149 ghall-mod gentili u professjonali li bih ghen lil hija b'dizabilita' meta kien stazzjonat mal-BOV Msida t-Tlieta 3 t'April. Tassew li PC 149 jaghmel unur lill-Korp tal-Pulizija.

Good morning,

I would like to congratulate you on your fantastic employees, swift work on 2 separate occasions.

Ms Sant (WPS 250) accompanied by Ms Butters were brilliant in helping me help my relatives in USA get all the death paperwork necessary in just a few hours overnight on Ms Sant's night shift.

Coincidentally on another occasion Ms Sant also helped me Physically and physiologically, after I was attacked by a neighbour a few weeks ago.

I have written to the prime minister and also to his assistant Kurt Farrugia, as have never experienced this kind of service from lower rank Police force before.

Please also note on more than one occasion, Inspector Mr Mark Mercieca also helped me psychologically over the phone too. I have also contacted 2 of your assistant Commissioners over their excellent work too.

Simple e-mails just like this one and a pat on the back from higher officials give them confidence and inspire them to keep up and even improve their good work.

Dear Commissioner

I would like to commend the sterling service which has been provided by PC 515 Andrea D'Amato a couple of weeks ago when an elderly passenger realised that he had lost his passport prior to departure. This police constable did not only try to assist the passenger by extracting all relevant documentation that could possibly be used in replacement of the actual passport when the latter would have arrived at his home country, but also took the time to explain all the facts to the relatives of this guest so that they could have a better understanding of the process related to border control.

The behaviour of PC D'Amato truly reflects our vision of being the best airport in Europe.

In this respect, it would be highly appreciated if you will please extend our praise to this constable for his sterling customer service.

Letter of Commendation to WPC340

On the 1st of May 2018 at about 10.30am, I went to the Qawra Police station to file a report regarding overdue Alimony, where I spoke to WPC 340 about my current situation. She was very professional in her duties and assured me that she was going to handle the matter personally. A few days later I went back to the Qawra Police station where the same officer informed me that the matter was being handled, and later on she called me again to tell me that I would be receiving them by mail, which I did. I would like to thank this Police officer for her dedication and I am writing this letter of commendation because she showed efficiency, professionalism and most of all devotion in her line of duty.

# Malta Association of Retired Police Officers

eks-Surġent u Teżorier Joe Borda (M.A.R.P.O.)

## Il-PULIZIJA TAR-RISERVA

Nhar it-30 ta' Ġunju 2018 il-MARPO organizzat laqgħa għall-Pulizija tar-Riserva sabiex ikunu diskussi diversi suġġetti li jirrigwardjaw lilhom fuq il-post tax-xogħol. Dan sar wara li ġejna infurmati li dawn il-Pulizija qed isibu lilhom infushom f'differenzi f'ċerti aspetti mal-kollegi l-oħra ċioè mal-Pulizija regolari.

Fost id-diversi punti mqajma tkellimna dwar id-dritt tal-Pulizija tar-Riserva li jissieħbu ma' Unjin tal-Pulizija, id-dritt li jikkontribwixxu fil-*Police General Fund* u l-benefiċċji marbutin miegħu u kif jistgħu jkunu effettwati fil-pensjoni u oħrajn.

Fit-22 ta' Lulju tlabna laqgħa mal-Kummissarju li mill-ewwel akkordalna waħda għal nhar l-Erbgħa 22 t'Awwissu li iżda minħabba impenji oħra aħna ma stajniex inżommu u reġa' ġentilment offrielna laqgħa oħra għal nhar il-Ħamis 30 t'Awwissu.

Dwar dawn il-punti għamilna kuntatt kemm mal-POU kif ukoll mal-MPA. L-MPA tawna l-opinjoni tagħhom li fil-maġġoranza huma pożittivi u oħrajn ta' min jiddiskutihom mal-Amministrazzjoni. Min-naħa tal-POU għadna qed nistennew il-kummenti.

Filwaqt li nemmnu li t-tweġibiet għal dan kollu jkunu ta' sodisfazzjon għal kulħadd nistqarru li l-maġġoranza tal-Pulizija tar-Riserva kif iddikjaraw magħna, huma lesti li jikkontribwixxu fil-*Police General Fund* u b'hekk ikunu aktar indaqs mal-kollegi Pulizija regolari. Għal dan kollu jkun jinħtieġ li jiġi emendat il-kuntratt kif ukoll ir-regolamenti li jirregolaw lill-Pulizija.

Kif kien miftiehem, il-laqgħa mal-Kummissarju saret nhar il-Ħamis 30 t'Awwissu flimkien mal-Kap Eżekuttiv is-Sur Angelo Gafà, l-Assistent Kummissarju Ramon Mercieca u s-Supretendent Kenneth Haber. Il-laqgħa kienet waħda kordjali u aħna għamilna l-punti tagħna dwar id-diversi suġġetti li kienu ġew diskussi mal-membri, ċioè mal-kuntistabbli tar-riserva.

Il-Kummissarju ħa nota tal-punti kollha speċjalment ta' dawk li jirrigwardjaw kunsiderazzjoni min-naħa tiegħu. Il-punti l-oħra skont il-ftehim mal-membri, ġew ukoll ikkonfermati.

Dwar dan kollu għandu jkun hemm laqgħa oħra sabiex jiġi diskuss kif se jkunu ċċarati finalment il-punti mqajma. Dwar dan kollu ninfurmawkom kemm minn hawnhekk kif ukoll fil-laqgħa li se ssir għall-membri.

Raymond Zammit - Segretarju

## JUM IT-TIFKIRA

Fil-11 ta' Novembru, il-Kumitat u l-membri tal-MARPO ħadu sehem fil-parata li ssir ħdejn il-Monument tal-Gwerra fil-Furjana. Ta' min if-akkar li matul it-Tieni Gwerra Dinjija, il-Korp tal-Pulizija tilef tmien membri li mietu waqt attakki mill-għadu.



## Ċerimonja fuq l-Oqbra tal-Pulizija

Il-Ħadd 4 ta' Novembru membri tal-Kunsill attendew għall-quddiesa għar-ruħ il-membri mejta tal-Korp, fil-kappella taċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata .

Fr Ray Bonnici qaddes il-quddiesa. Preżenti waqt il-quddiesa kien hemm il-Kummissarju Lawrence Cutajar flimkien mas-Sinjura Cutajar, il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali Dr Michael Farrugia, il-Kap Eżekuttiv is-Sur Angelo Gafà, u uffiċjali għolja tal-Korp.

Wara l-quddiesa saret iċ-ċerimonja tat-tberik tal-oqbra, fejn wara tpoġġew għadd ta' kuruni tal-fjuri minn diversi għaqdiet, fosthom il-MARPO.

Fit-18 ta' Novembru saret ċerimonja simili fuq l-oqbra tal-Korp li huma midfuna f'Għawdex. Il-membru tal-għaqda, Michael Fava, poġġa kuruna tal-fjuri għan-nom ta' MARPO.



## Riċeviment Annwali tal-Kummissarju

Nixtiequ ninfurmaw lill-membri tal-Għaqda li r-riċeviment annwali għas-sena d-dieħla ser isir f'dawn id-dati:

Malta - Il-Ħadd 6 ta' Jannar 2019 fl-10.00 am

Għawdex - Il-Ġimgħa 4 ta' Jannar 2019 fis-7.30pm

# Mill-Imgħoddi

Ritratt meħud fis-sena 1951 fejn tidher il-lanċa tal-*Water Police* waqt ħidma fuq il-baħar. Jekk mhux qed niżbalja, din kienet l-akbar opra tal-baħar li kellu l-Korp.

Nirringrazzja lill-membru John C. Navarro għar-ritratt.



**Miżata:** Issa li riesaq iż-żmien biex titħallas il-miżata tal-Għaqda, inħeġġeġ lill-membri biex jaġġustaw il-ħlas dovut ta' €5 fis-sena. Il-ħlas jista' jsir b'ċekk pagabbli lill-MARPO u jimpustawh f'dan l-indirizz: MARPO P.O. Box 36, Birkirkara jew fl-Uffiċċju tal-Għaqda ġewwa l-Menqa, kull nhar ta' Tnejn bejn id-disgħa u nofsinhar, jew fid-Depot, ġewwa l-uffiċċju tas-Surġent Joe Mamo, filwaqt li f'Għawdex għandu jintbagħat ġewwa l-uffiċċju tal-Għassa tar-Rabat. L-irċevuta tiġi mibgħuta bil-posta.



## XEWQAT SBIEĦ

*Il-President, l-Uffiċjali u l-Membri tal-Kunsill jixtiequ l-isbaħ xewqat għall-Milied u s-Sena l-Ġdida lill-membri u lill-familji tagħkom, kif ukoll lill-qarrejja kollha ta' dan il-magażin.*





Ex PC 785 Emmanuel Debono
1936 - 2018
1954 - 1977




Ex 2/SM 985 Joseph Bonnici
1927 – 2018
1954 – 1980



Ex PC 356 & 643 Emmanuel Deguara
1944 – 2018
1963 – 1980 & 1993 - 2001



Ex. PC 232 Gaetano Calleja
1946 – 2018
1966 – 1993




Ex. PS 587 George Zammit
1929 – 2018
1952 – 1977